MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Ġunju, 2025

Appell Inferjuri Numru 82/2021 LM

**Carmelo Abela**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Dr. Jason Azzopardi**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-konvenut **Dr. Jason Azzopardi (K.I. nru. 143871M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Settembru, 2024, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'] fl-ismijiet fuq premessi, li ddeċiediet t-talbiet tal-attur **Carmelo Abela** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] fil-konfront tal-intimat, kif ġej:

> *"Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut fir-risposta tiegħu safejn mhux kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' t-talba tal-attur, tiddikjara li l-kitba pubblikata fuq il-paġna tal-konvenut tal-* Facebook *fid-9 ta' April, 2021 huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tal-attur u konsegwentement, tikkundanna lil Dr Jason Azzopardi iħallas lil Carmelo Abela danni għall-malafama fis-somma ta' sebat elef euro (€7,000), bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess konvenut."*

## Fatti

2. L-attur istitwixxa l-proċeduri odjerni sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallsu dik is-somma li l-Qorti tiddetermina *ai termini* tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta) bħala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra, meta l-konvenut tella' kitba fuq *Facebook* fid-9 ta' April, 2021 b'għadd ta' allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-attur.

## Mertu

3. Permezz ta' kitba mtella' fuq F*acebook* fid-9 ta' April, 2021, il-konvenut allega fost l-oħrajn li l-attur kien "*kompliċi fil-*hold-up *tal-HSBC; kompliċi f'*hold-up *bil-wegħda ta' €300,000 mis-serqa; kompliċi f'tentattiv ta' omiċidju fejn ġew sparati 67 tir; kompliċi f'telefonati biex jiġu mhedda xhieda ta'* hold up*, b'telefonati fuq Signal mill-mandant."*

4. Il-konvenut iddefenda ruħhu billi qal li l-pubblikazzjoni *de quo* hija opinjoni onesta tiegħu dwar materja ta' interess pubbliku, liema opinjoni hija bbażata fuq pubblikazzjonijiet preċedenti, u fuq xhieda li ngħatat fi proċeduri fil-qorti; kif ukoll li l-pubblikazzjoni *de quo* hija dikjarazzjoni privileġġata a tenur tal-artiklu 4 (2)(4) tal-Kap. 579; kif  ukoll li l-pubblikazzjoni tammonta għal *fair comment.*

## Is-Sentenza Appellata

5. L-Ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha tat-30 ta' Settembru, 2024, laqgħet it-talbiet tal-attur u ċaħdet l-eċċezzjonijiet imressqa mill-konvenut, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi u li m'hemmx kontestazzjoni dwarhom, jirriżulta li fl-2010 l-attur kien impjegat ma' HSBC Bank Malta plc ('HSBC') fil-kariga ta'* senior insurance and statistics officer *fis-*Security, Health and Safety Department *tal-istess bank, u kien jaħdem fil-fergħa ta' Ħal Qormi li dak iż-żmien kien fil-mira ta' attentat ta' serq bil-vjolenza fejn anke ġew sparati diversi tiri ta' arma tan-nar mill-ħallelin lejn uffiċjali tal-Pulizija. Dan id-delitt kien ġie rapportat b'mod estensiv fil-midja dak iż-żmien, u mis-smigħ tal-provi fil-kompilazzjoni tax-xhieda fil-konfront ta' ċertu Darren Debono u Vincent Muscat li ġew ko-akkużati bil-kommissjoni tad-delitt, kien ħareġ li l-Pulizija kienu qed jissuspettaw li l-ħallelin kellhom għajnuna mingħand xi ħadd minn ġewwa l-bank li kien ipprovdielhom* security cards *biex jiksbu aċċess għall-bank kif ukoll filmati tal-intern tal-bank. Fiż-żmien meta saret il-pubblikazzjoni impunjata, fid-9 ta' April, 2021, l-attur kien membru tal-Kabinett tal-Ministri tal-Gvern Laburista bħala Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u preċedentement, kien okkupa wkoll il-kariga ta' Ministru tal-Affarijiet Barranin.*
>
> *L-imputazzjonijiet li jitnisslu b'mod evidenti mill-pubblikazzjoni u li jinftiehmu faċilment u mingħajr tiġbid tal-immaġinazzjoni huma, essenzjalment, illi hija ħaġa tal-istmerrija li tkun kompliċi fil-kommissjoni tad-delitt vjolenti tal-attentat* hold-up *fil-bank HSBC fl-2010 u tentattiv ta' omiċidju, billi tgħaddi lill-mandant tad-delitt, mezzi li kellhom jiġu użati fl-għemil tal-istess delitt (konsistenti dawn il-mezzi f'filmati tal-intern tal-bank u ċwievet foloz) u tistenna li tirċievi mijiet ta' eluf ta' euro mir-rikavat tar-reat, bħala kumpens għall-kompliċità tiegħu fid-delitt.*
>
> ***Għalkemm id-dikjarazzjonijiet saru b'xejra retorika, u l-konvenut ma użax il-kliem espress li Carmelo Abela huwa ħati ta' kompliċità fid-delitt tal-*hold-up *tal-bank HSBC, l-inferenza li titnissel b'mod manifest mill-pubblikazzjoni moqrija fl-assjem tagħha u li tinftiehem faċilment mill-qarrej ordinarju mingħajr ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni, hija li l-kompliċi li dwaru jirreferu l-istqarrijiet impunjati m'huwa ħadd ħlief Carmelo Abela.***
>
> *Fil-fehma tal-Qorti, din hija l-unika tifsira li tista' raġonevolment tingħata lill-kliem tal-pubblikazzjoni.* ***Tant hu hekk, mhux biss ma saret ebda riferenza għal xi persuna oħra***

***fil-pubblikazzjoni, talli l-istqarrijiet tal-konvenut dwar il-kompliċità fil-*hold-up *huma indirizzati direttament lill-attur "il-Ministru Carmelo Abela"/"Carm".***

*It-ton ewfemistiku u suġġestiv użat mill-konvenut fl-istqarrijiet tiegħu ma jnaqqas xejn mill-imputazzjoni diffamatorja li titnissel mill-istqarrijiet tal-konvenut dwar il-kompliċità tal-attur fid-delitt tal-*hold-up*. Għall-kuntrarju, il-Qorti tqis li insinwazzjonijiet li jsiru f'sura suġġestiva xi kultant huma iktar insidjużi u jżidu l-intensità tad-*defamatory sting. *(fn. 1: Ukoll:* "Questions of tone and expression, as well as the medium and extent of publication, will all be relevant" – Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 154 7.32)

*Fir-rigward ġie ritenut:*

"It is immaterial whether the defamatory imputation is conveyed by words of direct assertion or by suggestion, for insinuation may be as defamatory as an explicit statement and even more mischievous. Similarly words may be defamatory even though they are used in interrogative form." *(fn. 2: Gatley, supra: 3.18, p. 126, 127. Ċitat fis-sentenza* ***Dr. Jason Azzopardi v. Vincent Borg****, deċiża 3 ta' Mejju, 2021.)*

*Huwa risaput ukoll illi l-imputazzjoni ma għandhiex neċessarjament tkun waħda espressa jew diretta: implikazzjoni ta' imputazzjoni hija biżżejjed purché din tinftiehem mill-pubblikazzjoni nnifisha, mingħajr sforz u tiġbid ta' interpretazzjoni mill-qarrej ordinarju u mingħajr ħtieġa ta' għarfien speċjali jew xi spjegazzjoni ulterjuri.*

*F'kull każ, huwa ovvju li, skont kif jirriżulta minn Dok. CAX u Dok. CAX2, il-pubblikazzjoni impunjata saret fil-kuntest ta' skambju 'botta u risposta' bejn il-partijiet fuq il-paġni rispettivi tagħhom fuq Facebook, u saret speċifikament b'riferenza u reazzjoni għall-*post *imtella' mill-attur fil-ħinijiet qabel, fejn akkuża lill-konvenut b'ipokrezija u li gideb għaliex kien xlieh li kien uża fondi pubbliċi għall-gwadann personali tiegħu meta kkommissjona xogħol ta' binja fil-proprjetà privata tiegħu, u ddeskrivih bħala "Dak il-qaddis li xeba' jiżni fuq il-qabar ta' Kristu" (fn. 3: ara Dok. CAX)*

*Jirriżulta wkoll illi l-<u>għada stess</u> tal-pubblikazzjoni tad-9 ta' April, 2021, il-konvenut ġie intervistat minn Prof. Andrew Azzopardi fuq programm imxandar fuq 102.3FM* [sic!] *Radju tal-Knisja (RTK), liema intervista saret speċifikament in konnessjoni mal-istess pubblikazzjoni impunjata. (fn. 4: "*Miegħi għandi lill-Onorevoli Jason Azzopardi li l-bieraħ fuq facebook page tiegħu għamel dikjarazzjoni, allegazzjoni serja ħafna, mhux biss għaliex semma lill-Ministru, imma anki ta dettalji, ta dettalji proprju ta' dak li kien ġara, jew l-allegat involviment li kellu dan il-Ministru fil-fehma tal-Onorevoli Azzopardi."). *F'din l-intervista, li saret fuq mezzi ta'* mass media *u għalhekk teżisti inferenza ta' fatt li ġiet pubblikata lil udjenza kbira, il-konvenut identifika lill-attur direttament ("Il-Ministru Abela") b'rabta ma' deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Istandards*

*illi sab illi kien abbuża minn fondi pubbliċi għall-gwadann personali tiegħu. (fn. 5: l-istess tema tal-*post *tal-konvenut fuq* Facebook *(Dok. CAX2) Minnufih wara, allega wkoll, fl-istess intervista, li hemm Ministru tal-Kabinett tal-Gvern li mhuwiex il-Ministru Herrera, li kien involut f'delitt serju ħafna iżda minkejja dan ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni politika fil-konfront tiegħu. (fn. 6: Traskrizzjoni Dok. CAX3. Il-konvenut ma kkontestax din it-traskrizzjoni bħala waħda li ma tirriflettix fedelment il-kliem li ngħad fl-intervista).*

*Fuq kollox, il-konvenut ma jikkontestax illi l-istqarrijiet impunjati jirriferu għall-attur u ma jiċħadx illi l-attur huwa identifikat bħala l-persuna li fl-istess pubblikazzjoni jingħad li kien kompliċi fid-delitt tal-*hold-up *billi* inter alia *pprovdiet lill-mandat mezzi li kellhom jiġu użati fl-għemil tad-delitt. Tant hu hekk, il-linja difensjonali tiegħu hija arġinata kważi esklussivament biex jiġġustifika l-fehma tiegħu li l-attur kien involut fl-imsemmi delitt.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi l-attur fix-xhieda tiegħu iddeskriva l-istqarrijiet impunjati bħala* "gideb sfaċċat u invenzjonijiet totali" *u sostna li qatt ma ġie mitkellem mill-Pulizija li kienu qed jinvestigaw id-delitt u qatt ma ġie investigat in konnessjoni mal-każ, lanqas fiż-żmien tad-delitt. Xehed li mhux talli ma ttieħdet ebda azzjoni mill-bank fil-konfront tiegħu b'rabta mad-delitt, talli in segwitu kien addirittura avvanza fil-karriera tiegħu mal-istess bank.*

*Sostna wkoll illi kien hu stess li ħa l-inizjattiva biex jagħmel kuntatt mal-Pulizija wara l-pubblikazzjoni li għamel il-konvenut fid-9 ta' April, 2021, fejn tahom minn jeddu kopja tal-affidavit li kien għamel meta ġie biex jistitwixxi l-proċeduri odjerni (fn. 7: Dok. B mehmuż mar-rikors promotur) u insista li l-Pulizija ma kienux għamlulu l-ebda mistoqsijiet dwar id-delitt. Imbagħad, wara li l-konvenut esebixxa fl-atti proċesswali dokument li jidher mad-daqqa t'għajn li huwa traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu stess mogħtija fi Frar 2011 fl-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Darren Debono, Vince Muscat*** *(fn. 8: traskrizzjoni tad-depożizzjoni ta' Carmelo Abela tas-7 ta' Frar, 2011, ippreżentata fid-9 ta' Jannar, 2023 (Dok. X9)), l-attur ftakar li kien tassew xehed b'rabta mad-delitt tal-*hold-up *quddiem il-Qorti. Stqarr li kien nesa għal kollox li kien iddepona fil-kawża. (fn. 9: affidavit tal-attur, ippreżentat b'nota fis-27 ta' Ġunju, 2023 (paġna 174 tal-atti tal-kawża)*

*L-attur ippreċiża illi r-reputazzjoni tiegħu ġiet imtappna bl-allegazzjonijiet bla bażi li saru mill-konvenut, liema allegazzjonijiet wasslu biex ismu beda jissemma f'ħafna pubblikazzjonijiet fil-gazzetti u midja lokali in konnessjoni mad-delitt tal-*hold-up*. Sostna li l-allegazzjonijet li għamel il-konvenut setgħu kellhom ukoll effett negattiv*

*fuq il-karriera politika tiegħu għaliex fl-elezzjoni ġenerali li saret fil-mori tal-kawża, wara l-pubblikazzjoni tal-konvenut, huwa ma raġax ingħata kariga ministerjali minkejja li kien ġie elett mit-Tielet Distrett Elettorali. Madankollu, stqarr illi qatt ma ġie infurmat li r-raġuni għal din id-deċiżjoni kienet speċifikament marbuta mal-allegazzjonijiet li ġew ippubblikati mill-konvenut. Qal ukoll li ħass l-effett tal-allegazzjonijiet anki fuq livell personali, għaliex ra membri tal-familja tiegħu jinkwetaw; xehed: "... ikun hemm riperkussjonijiet fuq il-familja, jiġifieri l-mara, it-tfal, il-ġenituri tiegħu ... fiċ-ċrieki tagħhom jista' jkun ukoll li jkollhom effett ...".*

*Illi l-Qorti tibda biex tosserva illi għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama, il-persuna aggravata għandha qabel xejn tipprova illi l-istqarrijiet impunjati huma diffamatorji. Filwaqt li, kif inhu risaput, teżisti presunzjoni tal-falsità ta' stqarrijiet li jiġu impunjati bħala malafamanti, mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorji għaliex l-Att dwar il-Midja u l-Malafama, fl-artiklu 3(4), biex stqarrija titqies bħala diffamatorja jrid jiġi ppruvat mill-persuna aggravata u li tkun għamlet l-azzjoni għal malafama, illi din ikkaġunat jew għandha l-potenzjal li tikkaġuna, ħsara serja lir-reputazzjoni tagħha.*

*Ir-rekwiżiti ta' ħsara serja jew potenzjal ta' ħsara serja, stipolat mill-artiklu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, hu fondamentali għas-suċċess ta' azzjoni għal malafama u l-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistabbilixxi* threshold *ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-suċċess ta' azzjonijiet għal malafama, minn dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248).*

*Skont Gatley:-*

"Whether the threshold of serious [harm] has been met is a mulfactorial question that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written, the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed and the transcience of the publication." (*fn. 10: Gatley, ibid. 2.4, pg. 39)*

*Għalkemm il-liġi ma teħtieġx prova ta' ħsara attwali lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata b'riżultat tal-pubblikazzjoni impunjata, dak li hu żgur hu illi bl-introduzzjoni ta' kriterji speċifiċi fosthom ta' ħsara serja lir-reputazzjoni, għall-azzjonabilità tal-allegat malafama, l-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistabbilixxi* threshold *ferm iktar oneruż u impenjattiv għas-suċċess ta' azzjonijiet għal malafama, milli dak li kien rikjest taħt il-Liġi tal-Istampa (Kap. 248) u dan sabiex jitkompla jissaħħaħ u jiġi mħares il-jedd tal-libertà tal-espressjoni u jiġi rikonoxxut l-importanza suprema ta' dan il-jedd.*

*Huwa ġeneralment aċċettat fil-ġurisprudenza in materja illi imputazzjoni li l-persuna aggravata kien jew seta' kien possibilment involut f'attività illeċita jew att kriminali jew, fi kliem Collins (fn. 11: 6.10 p.117) imputazzjoni li minħabba f'xi kondotta partikolari, il-persuna aggravata huwa "*dishonest or a fraud, a hypocrite, dishonourable, immoral, or actuated by some improper motive, insolvent or unwilling to pay debts or incompetent or otherwise unfit for some role" *(fn. 12: Fil-każ ċelebri **Sim v. Stretch** – 1936, 2 All England Law Reports, 1237 (House of Lords, per Lord Atkin) – ġie ritenut illi sabiex jiġi stabbilit jekk l-istqarrija impunjata twassalx imputazzjoni li hi diffamatorja, irid jiġi affermat illi "*the words tend to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally"), *huma kkunsidrati bħala diffamatorji.*

*Hawnhekk ikun opportun li ssir referenza għall-insenjament fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**, in tema tal-kriterji ġodda stabbiliti fl-artiklu 1 tad-Defamation Act 2013 (l-ekwivalenti tal-artiklu 3(4) tal-Att domestiku) għall-azzjonabilità tal-malafama: -*

*"...* section 1 necessarily means that a statement which would previously have been regarded as defamatory, because of its inherent tendency to cause some harm to reputation, is not to be regarded unless it "has caused or is likely to cause" harm which is "serious". The reference to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself. It points to some historic harm, **which is shown to have actually occurred. This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated**. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused." (*fn. 13: paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachau v. Independent Print Ltd et)** (enfasi tal-Qorti)*

*Il-Qorti qalet ukoll illi l-kejl tal-ħsara serja għandu jiġi determinat "*by reference to the acutal facts about its impact and not just to the meaning of the words."

*Dan ifisser li bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja u telf finanzjarju serju għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in-natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni**, u għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit <u>biss</u> b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt,*

*anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja. (fn. 14: ibid. Para 21 tad-deċiżjoni)*

*Skont* Duncan and Neil, 'On Defamation', "there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining on what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ..." *(fn. 15: page 34 4.08)*

*Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-i*status *tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-reazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. (fn. 16: para 4.13 page 35/36. Fil-każ* ***Yeo v. Times Newspapers Limited*** *(2015) EWHC 2132 QB, il-Qorti ġibdet inferenza li l-pubblikazzjoni ġiet moqrija minn numru suffiċjenti ta' qarrejja mill-fatt illi din saret f'gazzetta nazzjonali, b'ċirkolazzjoni sostanzjali u mill-fatt illi l-artikli impunjati kienu ngħataw prominenza f'pubblikazzjonijiet oħrajn. Gatley, Second Supplement to the 12th Ed. (2017) – 7.3 p. 66/67).*

*Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova jew bl-inferenza ta' fatt li l-impatt tal-pubblikazzjoni kien wieħed ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-osservazzjonijiet tal-konvenut ma jnisslux imputazzjoni ta' sempliċi* ***suspett*** *li l-attur seta' kien kompliċi fid-delitt tal-*hold-up*, għaliex meta wissa lill-attur li aħjar il-qabar ta' Kristu milli jkun kompliċi f'*hold-up*, il-konvenut kien skjett u ma esprima ebda riżerva dwar il-fatt tal-kompliċità tal-attur fid-delitt in kwistjoni. L-istqarrijiet tal-konvenut iwasslu lill-qarrej l-imputazzjoni bla tlaqliq li l-attur kien kompliċi fid-delitt tal-*hold-up *billi pprovda l-mezzi u wettaq l-għemil deskritt fil-pubblikazzjoni, u mhux sempliċiment l-imputazzjoni li hemm bażi raġonevoli biex wieħed jissuspetta dwar il-kompliċità tiegħu fid-delitt.*

*Il-konvenut jagħmel imputazzjoni speċifika li l-attur ikkommetta delitt kriminali.*

*Fid-deċiżjoni fil-każ* ***Mirror Newspapers Ltd v. Harrison*** *(fn. 17: (1982) 149 CLR 293; (1982) HCA 50) ġie ritenut hekk in tema ta' stqarrijiet li jwasslu imputazzjoni ta' suspett jew ħtija f'pubblikazzjonijiet li jirrapportaw il-fatt li persuna tkun ġiet akkużata jew arrestata fuq suspett tal-kommissjoni ta' reat kriminali: -*

"The ordinary reasonable reader is mindful of the principle that **a person charged with a crime** is presumed innocent until it is proved that he is guilty. Although he knows that many **persons charged with a criminal offence** are ultimately convicted, he is also aware that guilt or innocence is a question to be determined by a court, generally a jury, and that not infrequently, the person charged is acquitted.

In this situation, the reader will view the plaintiff with suspicion, concluding that he is a person suspected by the police of having committed the offence and that they have ground for laying a charge against him. **But this does not warrant the conclusion that by reporting the fact of arrest and charge, a newspaper is imputing that the person is guilty."** *(enfasi ta' din il-Qorti)*

***Iżda fil-każ in diżamina, il-konvenut ma kienx qed jirrapporta l-fatt li l-attur kien qed jiġi investigat mill-Pulizija jew li ġie akkużat fi proċeduri kriminali b'kompliċità fid-delitt tal-attentat*** **hold-up** ***tal-bank HSBC. Fil-fatt, ma nġiebet ebda prova li turi li l-attur ġie jew jinsab mixli b'kompliċità, f'dan id-delitt jew li qed jitqies mill-pulizija bħala persuna suspettata b'kompliċità fid-delitt."***

*Il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni li l-persuna identifikata fil-pubblikazzjoni hija kompliċi fil-kommissjoni ta' delitt maġġuri u vjolenti bħal ma kien il-*bank heist *tal-HSBC , hija waħda li għandha tendenza inerentement diffamatorja u kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur. Indubbjament, il-persuna ordinarja tibda tħares lejh b'ċertu stmerrija u suspett ħażin għaliex l-imputazzjoni hi waħda li timmina l-integrità tiegħu, tikkostitwixxi attakk fuq il-karattru morali tiegħu u ttappan l-istima tagħha f'għajnejn il-pubbliku in ġenerali (fn. 18: "*The words will be defamatory because of the injury to his reputation in his trade, profession or office and that is enough.") *b'mod li: "...* (it would "imply some moral disparagment of the person which tends to lower the plaintiff in the estimation of reasonable people" *(fn. 19: Collins, ibid. 6.21, pg. 120) u kif ukoll jolqot sostanzjalment, b'mod gravi u "...* in an adverse manner, the attitude of other people toward the person". *(fn. 20: Collins, ibid., 6.23. Ara wkoll* ***Berkhoff v Burchill*** *(2010) EWHC, 1414 (QB).*

*Fir-rigward huwa rilevanti dak li ntqal fid-deċiżjoni fil-każ* ***Independent Newspaper Holdings Ltd. v. Suliman*** *(fn. 21: 2004 ZASCA – Gatley 3.28) fejn intqal:-*

*"*The harsh reality of the situation is that **even more suspicion, to put it at its lowest, raises doubts in the mind of those to whom it is communicated as to whether the hitherto unsullied reputation which the person enjoyed continues to be deserved or whether it should now be regarded as undeserved**. To say that which imperils the continued existence of a person's good reputation and causes people to generally doubt the integrity of that person even though they may not be certain the doubt is

justified, is to adversely affect to at least some degree his or her reputation." (enfasi ta' din il-Qorti)

*Intqal ukoll f'**Chakravarti v. Advertiser Newspapers** (199*0 193 CLR 519, 576 (Kirby J.) (fn. 22: Rapportat f'*Defamation Law and Social Attitutes (Ordinary Unreasonable People), Roy Baker *2011):-*

> "(I)n considering whether, as claimed, the matter complained of actually harms the reputation of the plaintiff, it is appropriate for the decision-maker to keep in mind the importance attached to freedom of communication. This too is a fundamental human right. Reconciling the attainment of freedom of communication in circumstances where the indivdual's reputation is also protected is a function of the law of defamation. ... Although reporting that a person has been arrested and charged undoubtedly occasions damage to some degree to the reputation of that person, this must be tolerated on the basis of the legitimate public interest in the reporting of such facts."

*Kif ingħad qabel li fil-każ in diżamina, il-konvenut ma kienx qed jirrapporta li l-attur kien qed jiġi investigat mill-Pulizija jew li ġie akkużat fi proċeduri kriminali b'kompliċità fid-delitt tal-attentat* hold-up*, u lanqas ma kien qed jikkummenta dwar il-fatt tal-arrest jew prosekuzzjoni tal-attur dwar dan id-delitt. Diġà ġie stabbilit illi l-pubblikazzjoni ma tnissilx imputazzjoni li hemm biss suspett li l-attur huwa l-kompliċi jew li qed jitqies bħala persuna ta' interess mill-Pulizija in konnessjoni mad-delitt tal-attentat* hold-up*, iżda tnissel imputazzjoni ta' fatt li l-attur kien il-kompliċi fid-delitt li wettaq l-egħmil deskritt fl-istqarrijiet tal-konvenut. Madankollu, ma jirriżulta minn imkien mill-provi li l-attur ġie jew jinsab mixli b'kompliċità f'dan id-delitt jew li qed jitqies mill-Pulizija bħala persuna suspettata bi kompliċità fid-delitt.*

*Huwa minnu li l-imputazzjonijiet ma ġewx ippubblikati fuq mezz tal-midja tal-massa* (mass media) *ċioé fuq gazzetta jew mezzi tradizzjonali tal-istampa jew fuq* online news portal *fejn l-aċċess għal midja bħal dawn huwa liberu u mhux limitat u teżisti presunzjoni ta' ċirkolazzjoni u qari estensiv u fejn, allura, ma jeħtieġx li tinġieb prova konkreta tal-firxa tal-pubblikazzjoni. Iżda, jirriżulta illi l-pubblikazzjoni tal-konvenut attiraw numru ta' kummenti u ġiet* "shared" *xejn inqas minn sittin darba. Iktar minn hekk, il-pubblikazzjoni kienet ġiet diskussa fuq mezzi tal-*mass media *inkluż fl-intervista mxandra l-għada stess fuq 102.3 RTK* [sic!]*, kif ukoll f'*timesofmalta.com *f'artiklu ppubblikat fl-10 ta' Mejju, 2021 li rrapportat l-allegazzjonijiet li saru mill-konvenut, kif ukoll ir-risposta tal-attur. F'dan l-imsemmi artiklu, l-attur ġie rapportat iwieġeb illi ma jiftakarx li l-Pulizija qatt bagħtu għalih in konnessjoni mal-każ u sostna wkoll li kien istitwixxa azzjoni għal malafama fil-konfront ta' Jason Azzopardi in konnessjoni mal-allegazzjonijiet li għamel dwaru in konnessjoni mal-*hold-up *(Dok.*

*X4). Il-fatt illi l-allegazzjonijiet tal-konvenut ingħataw pubbliċità f'mezzi tal-*mass media *għandu jittieħed bħala inferenza ta' ħsara serja.*

*Huwa minnu illi bħala persuna pubblika b'kariga politika ewlenija, l-attur hu mistenni jittollera grad ferm iktar wiesa' ta' kritika milli hija mistennija tittollera persuna privata. Fil-fatt, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' sikwit enfasizzat li l-protezzjoni tar-reputazzjonijiet fl-arena politika trid titwieżen kontra l-interessi tad-diskussjoni miftuħa fuq materji politiċi u li l-persuni fil-politika jridu jittolleraw grad ferm iktar wiesa' ta' kritika tal-kondotta tagħhom mill-grad ta' tolleranza mistennija minn persuni privati.*

*Fid-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta'* ***Feldek v. Slovakia*** *(fn. 23: App. No. 29032/95), deċiż 12 ta' Lulju, 2001 ECHR) intqal hekk in propositu:-*

> "74. The Court further recalls that there is little scope under Article 10 § 2 of the Convention for restrictions on political speech or on debate on questions of public interest (see Sürek v. Turkey (no. 1) [GC], no. 26682/95, § 61,ECHR 1999-IV). Moreover, the limits of acceptable criticism are wider as regards a politician as such than as regards a private individual. Unlike the latter, the former inevitably and knowingly lays himself open to close scrutiny of his words and deeds by journalists and the public at large, and he must consequently display a greater degree of tolerance (see Lingens v. Austria, judgment of 8 July 1986, Series A no. 103, p. 26, § 42, or Incal v. Turkey, judgment of 9 June 1998, Reports 1998-IV, p. 1567, § 54).
>
> …
>
> 83. The Court emphasises that the promotion of free political debate is a very important feature of a democratic society. It attaches the highest importance to the freedom of expression in the context of political debate and considers that very strong reasons are required to justify restrictions on political speech. Allowing broad restrictions on political speech in individual cases would undoubtedly affect respect for the freedom of expression in general in the State concerned." (*fn. 24: Ara* ***Hrico v. Slovakia,*** *2003, u* ***Jerusalem v. Austria,*** *2005. Dan il-prinċipju ġie estiż, kif imfisser elokwentement fid-deċiżjoni* ***McLaughlan v. Orr Pollock & Co*** *biex japplika wkoll għall-kondotta ta' persuni involuti fil-politika fejn ġie deċiż li l-jedd tal-libertà tal-espressjoni jfisser li l-individwu jgawdi: -* "the utmost freedom in the discussion of the conduct and motives of those who take part in (political affairs), whether in the higher plain of statesmanship or in the conduct of local affairs. In such criticism, ridicule is just as legitimate as any other rhetorical artifice. If ... this

should take up rough language and unmannerly jests, the person aggrieved must put up with it." (*ċitata f'Gatley, ibid 2.42* page *86).*

*Madankollu, il-fatt innifsu li l-persuna aggravata hija persuna pubblika u politika ma jfissirx illi kull xorta ta' pubblikazzjoni ta' allegazzjonijiet u imputazzjonjiiet diffamatorji jistgħu jsiru b'impunità u kif ġieb u laħaq, għalkemm il-profil politiku u l-pożizzjoni pubblika tal-persuna aggravata bla dubju jinċidu fuq il-karattru diffamatorju o meno tal-istqarrijiet impunjati fil-każ konkret. (fn. 25: "*The public position or character of a claimant is relevant to whether words complained of bear a defamatory meaning" – **Dell'Olio v. Associated Newspapers Ltd** (2011) EWHC 3472 (QB) Tugendhat J.)

*Fil-fatt, in propositu intqal illi "...* right-thinking members of society, for example, may understand attacks by politicians on one another, **not imputing some base, dishonourable or dishonest motive or hypocrisy**, to be fair game in the context of the modern political struggle." (*fn. 26: Ara **Waterson v. Lloyd** (2013) EWCA Ċiv. 136, paras. 42, 66. Enfasi ta' din il-Qorti)*

*Fil-każ in diżamina, l-imputazzjoni mnissla mill-pubblikazzjoni impunjata ma għandhiex x'taqsam direttament mat-twettiq tal-funzjonijiet pubbliċi tal-attur u l-kondotta tiegħu fuq livell politiku, anke għaliex tirreferi għal fatti li seħħew meta ma kienx persuna politika iżda persuna privata. Iżda kif taraha l-Qorti, il-fatt li fiż-żmien meta saret il-pubblikazzjoni bl-imputazzjoni li l-attur kien kompliċi fid-delitt tal-*hold-up *tal-HSBC, huwa kien jokkupa kariga pubblika prominenti fil-Gvern li min-natura tagħha teħtieġ l-ogħla* standards *ta' integrità, rettezza u kontabbilità, ifisser li l-imputazzjoni tkun kapaċi tirreka ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu fuq livell ferm iktar wiesa'.*

*Kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-fatt illi l-attur ma ħax passi legali ta' ebda xorta fil-konfront ta' George Degiorgio u jew Alfred Degiorgio in konnessjoni mal-istqarrijiet pubbliċi li għamlu fir-rigward tal-involviment ta' persuni, fosthom l-attur innifsu, fid-delitt tal-*holdup*, u l-fatt li baqa' ma ċaħadx id-dikjarazzjonijiet tagħhom, ma jfissirx li l-pubblikazzjoni impunjata m'hijiex malafamanti u ma jnaqqas b'ebda mod mill-inferenza ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu, ikkaġunata bil-pubblikazzjoni. Dan qed jingħad ukoll għaliex mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta li d-dikjarazzjonijiet li saru mill-aħwa Degiorgio fejn l-attur issemma espressament b'ismu, saru **wara** l-pubblikazzjoni tal-konvenut fid-9 ta' April 2021, mertu ta' din l-azzjoni.*

*Stabbilit il-karattru diffamatorju tal-imputazzjoni u l-fatt li din hija kapaċi tikkaġuna ħsara serja lill-persuna aggravata fil-każ konkret, il-Qorti sejra tistħarreġ l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut.*

*Ikkunsidrat;*

*Fl-ewwel paragrafu tar-Risposta tiegħu, il-konvenut eċċepixxa id-difiża tal-opinjoni onesta. Fix-xhieda tiegħu ippreċiża illi l-istqarrijiet li huwa għamel fil-pubblikazzjoni tad-9 ta' April, 2021 jirrappreżentaw l-opinjoni onesta tiegħu li l-attur ħa sehem f'attività kriminali bħala kompliċi fl-attentat* hold-up *fil-bank HSBC.*

*Il-konvenut eċċepixxa wkoll fit-tielet paragrafu tar-Risposta, li l-istqarrija pubblikata minnu tammonta għal* fair comment. *Il-Qorti tosserva illi d-difiża ta'* fair comment *ma kinitx kontemplata espressament fil-Kap. 248 iżda kienet rikonoxxuta u msawra mill-ġurisprudenza. Għalkemm din id-difiża ma tissemmiex lanqas fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579) (fn. 27: Minn hawn 'il quddiem imsejħa 'l-Att'), ġiet kodifikata statutorjament bħala d-difiża tal-'*opinjoni onesta' *(fn. 28: Artiklu 4(2) tal-Kap. 579) u tinsab regolata mill-istess kriterji identiċi li jsawru d-difiża magħrufa bħala* honest opinion *fid-dispożizzjonijiet tal-Artiklu 3 tad-Defamation Act (UK) 2013. Iżda għalkemm huma applikabbli għalih kriterji iktar wiesa' minn dawk li kienu ġew żviluppati mill-ġurisprudenza għas-suċċess tad-difiża tal-*fair comment (*fn. 29: Diversament mill-*fair comment*, l-opinjoni onesta tista' tiġi mqajma bħala difiża anke jekk il-kumment impunjat ma jkunx sar dwar materja ta' interess pubbliku ġenerali) – naturalment bil-għan li jkompli jiġi aġevolat il-libertà tal-espressjoni – hu ovvju illi d-difiża tal-opinjoni onesta effettivament tirrappreżenta fis-sostanza dik li qabel kienet tissejjaħ* fair comment. (*fn. 30: Collins jgħid hekk fir-rigward tad-difiża ta' "*honest opinion":- "... the common law defence of fair comment has been abolished ... and **replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law."** *(enfasi tal-qorti)*

*In sostenn tal-eċċezzjoni li d-dikjarazzjoni impunjata tikkostitwixxi l-fehma onesta tiegħu, il-konvenut xehed illi fl-10 ta' Marzu, 2021, żewġ persuni akkużati bid-delitt tal-attentat* hold-up *fl-HSBC Alfred Degiorgio u George Degiorgio, għamlu talba għal Maħfra Presidenzjali in konnessjoni ma' diversi delitti inkluż id-delitt in diżamina, f'liema talba kien sar riferenza għall-involviment ta' Ministru u ex-Ministru f'dan l-istess delitt. Xehed ukoll illi ftit ġranet qabel id-9 ta' April, 2021, ġie pubblikat artiklu fil-gazzetta Times of Malta dwar l-allegat sehem tal-attur, Carmelo Abela, fid-delitt tal-attentat* hold-up *filwaqt li diversi ġurnalisti kienu qegħdin, fl-istess ġranet, isaqsu lill-attur jekk huwiex ser jiċħad l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront tiegħu mill-persuni akkużati b'kompliċità fl-istess delitt. Sostna wkoll illi fl-aħħar ta' Mejju*

*2021 ġiet ippubblikata ittra miktuba mill-istess aħwa Degiorgio lill-Kummissarju tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-Europol, fejn semmew li l-attur kien involut f'delitt serju u kienu lesti jixkfu d-dettalji relattivi.*

*Il-konvenut xehed li għall-ħabta ta' Frar 2021, il-Pulizija rċevew informazzjoni mingħand Vince Muscat, wieħed mill-persuni akkużati b'kompliċità fil-*hold-up *tal-HSBC, li f'dan id-delitt kien involut ukoll bħala kompliċi persuna b'kariga għolja fil-Gvern li fil-preżent kien Ministru, liema persuna kien għadda tagħrif istrumentali lill-eżekutanti tad-delitt. Xehed ukoll li l-Pulizija ġew infurmati minn wieħed mill-aħwa Degiorgio, li wkoll kienu kompliċi fid-delitt tal-*hold-up*, illi f'waħda mil-laqgħat li kienu attendew biex jiġi mfassal il-pjan għat-twettiq tal-*hold-up*, kien hemm preżenti Chris Cardona u Carmelo Abela, l-attur. Il-konvenut qal li kien irċieva wkoll huwa stess informazzjoni kunfidenzjali - li ma jistax jiżvela s-sors tagħha minħabba l-obbligu ta' segretezza professjonali - illi wieħed mill-mandanti prinċipali tad-delitt (irrefera għalih bħala* "l-moħħ" *fil-pubblikazzjoni impunjata), kien Chris Cardona, filwaqt li wieħed mill-intermedjarji kien David Gatt.*

***Il-konvenut sostna illi din l-informazzjoni kienet diġà fid-demanju pubbliku meta huwa ppubblika l-istqarrijiet li qed jiġu impunjati f'din il-kawża, iżda jaqbel li l-isem tal-attur, Carmelo Abela kien issemma biss espressament*** **"fid-dinja tal-kriminalità"** ***u mhux fil-pubbliku.***

*Xehed illi għalkemm m'huwiex xi qaddis, jippreferi li jkun akkużat b'ipokrezija, anke jekk mhux minnu, milli b'kompliċità f'delitt maġġuri. Sostna illi wara li kienu qed isiru fuq medda ta' diversi ġimgħat u xhur, allegazzjonijiet minn persuni magħrufa sew fid-dinja tal-kriminalità organizzata u li kienu kompliċi fid-delitt tal-attentat* hold-up*, li kien hemm Ministru u ex-Ministru ukoll involuti bħala kompliċi fl-istess delitt, iddeċieda li jippubblika l-istqarrija tad-9 ta' April, 2021. Din id-deċiżjoni ħadha wkoll għaliex huwa fatt ukoll illi l-attur kien dak iż-żmien, kien impjegat mal-bank HSBC u kien jaħdem fl-istess binja fejn seħħ l-attentat* hold-up *u kien ukoll wieħed minn numru ristrett ta' persuni li kellhom aċċess għall-bibien li jwasslu għall-*vault *tal-bank.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi biex tiġi sollevata b'suċċess id-difiża tal-opinjoni onesta, irid jinwera illi d-dikjarazzjoni li dwarha tkun saret l-ilment, hija dikjarazzjoni ta' opinjoni.*

*Jinsab ritenut illi:-*

> *"*A statement might be either a statement of fact or an expression of opinion depending on the context. The form in which the statement appeared and the style adopted by the publisher will often be decisive.

> ...
> Some assertions of fact may be defended as expressions of opinion. **If they are in the nature of deductions of conclusions arrived at by the publisher from other facts which are sufficiently stated or indicated**, where it will be obvious to the reasonable person that the publisher could not have had direct knowledge of the matter stated and must have been expresssing a view or inference" (*fn. 31: Collins. 9.12 p. 192) (enfasi tal-Qorti)*

***Il-Qorti tqis li l-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża jikkonsistu f'allegazzjonijiet ta' fatt dwar il-kompliċità tal-attur fid-delitt tal-*****hold-up** ***tal-HSBC, imsawrin bħala dikjarazzjoni ta' opinjoni tal-konvenut li*** "aħjar il-qabar ta' Kristu" *milli tkun kompliċi fid-delitt maġġuri tal-*hold-up *tal-HSBC. (fn. 32: "*It has been said that comment is often distinguished by the use of metaphor but a jury is not obliged to treat simile as comment". Gatley, ibid, 12.11, p. 435/436) *Dan mhu xejn ħlief inferenza ta' fatt dwar il-kompliċità tal-attur fid-delitt iżda jinsab ritenut illi anke jekk id-dikjarazzjoni impunjata fiha inferenza dwar fatt diffamatorju,* "as an inference of fact is a form of opinion, this would be encompassed by the defence". *(fn. 33: Explanatory notes to Defamation Act (UK) 2013, para. 21)*

*Għaldaqstant il-Qorti tqis illi d-dikjarazzjonijiet li saru mill-konvenut fil-pubblikazzjoni mertu tal-azzjoni, huma dikjarazzjonijiet ta' opinjoni għall-fini tal-artiklu 4(2)(a) tal-Kap. 579, li jfisser li d-difiża tal-opinjoni onesta hija opponibbli għall-azzjoni.*

*Huwa ppruvat ukoll, għall-fini tal-artiklu 4(5) tal-Att li l-attur huwa persuna pubblika li fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata kien Ministru tal-Kabinett tal-Gvern Laburista u għalhekk id-difiża tal-opinjoni onesta hija applikabbli.*

*Irid jintwera wkoll, skont il-paragrafu (b) tal-artiklu 4(2) tal-Att, illi d-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni. Il-konvenut fid-dikjarazzjonjiet tiegħu, ma indikax b'mod speċifiku u lanqas b'mod ġenerali il-bażi tal-opinjoni tiegħu li l-attur huwa kompliċi fid-delitt tal-attentat* holdup. *Speċifikatament, ma għamel ebda riferenza fil-pubblikazzjoni għall-allegazzjonijiet dwar il-kompliċità fil-*hold-up *ta' ministru sedenti li kienu saru minn waħda mill-persuni akkużati bil-kommissjoni tal-istess delitt, lanqas għall-fatt li l-attur kien impjegat mal-bank HSBC fiż-żmien tad-delitt jew li seta' kellu aċċess għas-*security cards *li ntużaw mill-ħallelin biex jiksbu aċċess għall-bank. Dawn il-fatti, għalkemm jikkostitwixxu, evidentement, il-bażi tad-dikjarazzjonijiet impunjati skont kif ġie imfisser wkoll espressament mill-konvenut fix-xhieda tiegħu (fn. 34: Kif intqal qabel, il-konvenut xehed illi huwa ddeċieda li jippubblika l-*post *tad-9 ta' April, 2021 wara li kienu qed isiru fuq medda ta' diversi ġimgħat u xhur, allegazzjonijiet minn*

*persuni magħrufa sew fid-dinja tal-kriminalità organizzata u li kienu kompliċi fl-istess delitt, li kien hemm Ministru u ex-Ministru ukoll involuti bħala kompliċi. Xehed ukoll illi d-deċiżjoni tiegħu ġiet ibbażata wkoll fuq il-fatt illi l-attur kien dak iż-żmien, kien impjegat mal-bank HSBC u kien jaħdem fl-istess binja fejn seħħ l-attentat* hold-up *u kien ukoll wieħed minn numru ristrett ta' persuni li kellhom aċċess għall-bibien li jwasslu għall-*vault *tal-bank), ma ġewx imsemmija fil-pubblikazzjoni bħala l-bażi tal-opinjoni li saret permezz tad-dikjarazzjonijiet impunjati. Il-Qorti hija tal-fehma li l-bażi tal-opinjoni għandu jinsab fil-kuntest tal-pubblikazzjoni li dwarha tinġieb l-azzjoni u ma tistax tfittex hi stess lil hinn mill-pubblikazzjoni nnifisha, għal kuntest iktar wiesa' biex jiġi identifikat il-bażi tal-opinjoni, f'dan il-każ, l-opinjoni tal-konvenut li l-attur huwa l-kompliċi fid-delitt tal-*hold-up *tal-bank HSBC. Dan m'huwiex każ fejn intwera li l-attur ġie kkundannat fil-passat għad-delitt ta' serq jew huwa notorjament magħruf bħala kriminal, f'liema każ jista' ma jkunx essenzjali l-indikazzjoni tal-bażi tal-kumment li huwa kompliċi f'delitt kriminali serju.*

*Għalkemm il-konvenut, meta jiġi biex jissodisfa l-kriterju tal-prova tal-fatti eżistenti li jissostanzjaw l-opinjoni (taħt il-paragrafu (i) tal-artiklu 4(2)(a) tal-Att), m'huwiex ristrett biss għal dawk il-fatti li ġew imsemmija jew indikati fil-pubblikazzjoni impunjata bħala l-bażi tal-opinjoni, u jista' jressaq prova ta' kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien tal-pubblikazzjoni mingħajr limitazzjoni (anke dawk il-fatti li ma kienx jaf bihom speċifikatament fiż-żmien tal-pubblikazzjoni), ir-rekwiżit li l-pubblikazzjoni tindika, mill-inqas, il-fatti li fuqhom il-kumment ikun ibbażat, huwa marbut intrinsikalment mar-rekwiżit illi l-fatti li jinġiebu in sostenn tal-kumment iridu jkunu veri jew ibbażati fuq dikjarazzjonijiet privileġġati. Fin-nuqqas jew insuffiċjenza tal-indikazzjoni fil-pubblikazzjoni impunjata nnifisha, tal-bażi tad-dikjarazzjoni jew il-fatti li jissostanzjawh, il-qarrej ikun propens li jirrifjuta l-inferenza li titnissel mid-dikjarazzjoni.*

*Hija għalhekk il-fehma ta' din il-Qorti li l-konvenut naqas milli jissodisfa r-rekwiżit indikat fil-paragrafu (b) tal-artiklu 4(2) tal-Att billi naqas milli jindika, lanqas b'mod ġenerali, il-bażi tad-dikjarazzjoni tiegħu li l-attur huwa l-kompliċi li għen lill-ħallelin fil-kommissjoni tad-delitt billi pprovda mezzi inkluż ċwievet foloz u kien sejjer jiġi kkumpensat għal din il-kompliċità. Konsegwentement, id-difiża tal-opinjoni onesta ma tistax tirnexxi.*

*Ikkunsidrat;*

*Iżda l-Qorti tħoss li minkejja dan, id-difiża invokata mill-konvenut hi f'kull każ destinata li tfalli.*

*Tibda biex tosserva li biex jirnexxi f'din id-difiża, il-konvenut jeħtieġlu jipprova wkoll li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' – (i) kwalunkwe fatt li **eżista fiż-żmien** li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar lilment kienet ippubblikata; jew (ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata **qabel** id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment. (enfasi tal-Qorti)*

*Dan ifisser illi l-konvenut jeħtieġlu juri li jkun eżista xi fatt indipendenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni – b'wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafi (i) jew (ii) tal-artiklu 4(2)(ċ) tal-Att - li abbażi tiegħu persuna onesta setgħet qablet mal-espressjoni tad-dikjarazzjoni fil-pubblikazzjoni tiegħu (fn. 35: Din il-fehma Collins jibbażaha fuq il-premessa li: "*The section 3 defence (l-ekwivalenti tal-Artiklu 4(2) tal-Att ... liberalizes the law quite radically. It will seemingly be open to defendants, in order to establish the third condition for the operation of the defence, to fish around for facts, or matters asserted to be facts in privileged statements, even if those facts or matters were not known to them at the time they expressed their opinions ..." – Collins On Defamation, supra 9.32 p. 198), *iżda mhux meħtieġ li l-konvenut jipprova l-verità sostanzjali ta' kull allegazzjoni ta' fatt li fuqha tinsab imsejsa l-opinjoni, basta jagħti sostenn fattwali suffiċjenti lill-imputazzjoni, f'dan il-każ, il-kompliċità tal-attur fid-delitt tal-attentat serq tal-bank HSBC fl-2010. Fix-xhieda tiegħu l-konvenut ikkonferma li l-istqarrijiet fil-pubblikazzjoni tad-9 ta' April, 2021 jirrappreżentaw l-opinjoni onesta tiegħu u espressament assuma responsabbilità dwarhom kif ukoll sostna li għadu tal-istess fehma. Madanakollu, irid jingħad illi l-fatt li l-pubblikazzjoni tista' tassew tirrappreżenta l-opinjoni onesta tal-konvenut f'azzjoni għal malafama, huwa għal kollox irrilevanti għas-suċċess tad-difiża tal-opinjoni onesta taħt l-artiklu 4(2) tal-Att, għaliex il-leġislatur ried li l-kejl ikun il-persuna onesta. Għalhekk, il-kriterju li jrid jiġi sodisfatt huwa l-prova li l-opinjoni impunjata tirrappreżenta mhux il-konvinzjoni onesta tal-pubblikatur jew l-awtur tal-pubblikazzjoni, iżda l-fehma ta' persuna onesta.*

*In kwantu dak li jikkonċerna fatti jew ħwejjeġ affermati bħala fatti f'dikjarazzjonijiet privileġġjati ippubblikati qabel l-istqarrijiet impunjata, ċioé qabel id-9 ta' April, 2021 [artiklu 4(2)(ċ)(ii)], il-Qorti, minn fost il-provi li ġew imressqa mill-konvenut, identifikat is-segwenti:*

- *Artiklu pubblikat fuq lovinmalta.com fis-27 ta' Marzu, 2021 (Dok. X6:* 'Criminal in Cabinet? How Koħħu Began Pointing His Finger At A Mystery Minister After 11 Years'*), fejn ġie rapportat illi Vince Muscat kien qed jimplika li Ministru tal-Kabinett tal-Gvern dak iż-żmien kien involut f'"*a 'big job', believed to be the infamous 2010 failed heist on HSBC's headquarters in Qormi." *Fl-istess artiklu intqal ukoll li f'artiklu pubblikat minn maltatoday.com.mt fl-2010, kien ġie rapportat li l-pulizija kien qed*

*jissuspettaw li d-delitt kien* "an inside job, seeing that the robbers had somehow managed to gain electronic access into the first part of a highly secure area of the bank which leads to the vaults. A number of HSBC employees are reportedly interrogated by police."

*Il-Qorti taqbel illi din il-pubblikazzjoni għandha titqies bħala dikjarazzjoni privileġġjata kif definit fis-subartiklu (4) tal-artiklu 4 tal-Kap. 579 għaliex indiskutibbilment, il-pubblikazzjoni hija dwar materja ta' interess pubbliku u bħala pubblikazzjoni fuq* news portal*, li huwa mezz stabbilit tal-*mass media*, teżisti presunzjoni li din tkun ingħatat pubbliċità b'mod aċċessibbli għal udjenza kbira.*

*F'dan l-artiklu, ġie rapportat ukoll kif il-konvenut innifsu, Dr. Jason Azzopardi, f'intervista li kellu fil-31 ta' Ottubru, 2020, qal li Vince Muscat il-Koħħu kien implika* "a sitting minister who isn't a lawyer in a very serious crime and that Prime Minister Robert Abela had known about this since March 2020"*. Intqal ukoll illi in segwitu għal din l-intervista, diversi gazzetti lokali rrapportaw illi din kienet riferenza għall-*heist *tal-HSBC fl-2010 u illi għalkemm Muscat kien jaf l-identità tal-ministru implikat, ma kienx għadu identifikah lill-Pulizija. Fl-artiklu ingħad ukoll:-* "While no name was published, the Nationalist Party's media pounce on Carmelo Abela, who was an HSBC manager at the time of the heist, to ask him if he's ready to 'condemn' the alleged minister if the story is true. Abela refuses to respond …" *iżda in segwitu fit-3 ta' Novembru, 2020, Carmelo Abela ċaħad kategorikament illi kellu x'jaqsam b'xi mod mal-*hold-up *tal-HSBC u sfida lil Jason Azzopardi* "to stop playing games and beating around the bush."

*Ukoll:-*

"23rd March 2021: Jason Azzopardi delivers a parliamentary speech, in which he claims the sitting minister has been accused of providing robbers with replicas of the keys to HSBC's headquarters, which allowed them to enter the bank, as well as footage of the bank to show them how to access the vaults."

- *Pubblikazzjoni f'timesofmalta.com tal-1 ta' Novembru, 2020 (*"Labour politician is linked to HSBC bank heist in 2010"*) li fiha intqal li Vincent Muscat, f'talba li għamel għal Maħfra Presidenzjali, kien informa lill-investigaturi li jista' jipprovdi l-isem ta' individwu* "believed to be a former high-ranking Labour politician" *li għen ifassal il-pjan biex jitwettaq il-*hold-up *fuq il-kwartieri tal-HSBC f'Malta fl-2010 (fn. 36: Għandu jingħad li din ma tistax tittieħed raġonevolment bħala referenza lill-attur fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-artiklu, kien għadu jifforma parti mill-Kabinett tal-Gvern bħala Ministru fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru u ma kienx għalhekk,* "a former high-ranking Labour politician".)

*Dan l-artiklu għandu jitqies bħala dikjarazzjoni privileġġata fit-termini tal-artiklu 4(4) tal-Att. Fih ġie kkwotat il-konvenut innifsu, Dr. Jason Azzopardi, jgħid illi Vince Muscat għamel referenza wkoll għal "*a sitting cabinet minister".

*Ġew rapportati wkoll fl-istess artiklu tal-4 ta' Novembru, 2020, sorsi tal-ġurnal li qalu li Vincent Muscat għarraf ukoll lill-investigaturi, li fetħu file b'rabta mal-allegazzjonijiet li għamel l-istess Muscat, li tmien persuni b'kollox kienu involuti fid-delitt, filwaqt li tlieta oħra kienu jafu bil-komplott u pprovdew assistenza inkluż billi xi ħadd mill-bank stess għadda lill-eżekuturi tad-delitt filmati li kienu juru kif kellu jinkiseb aċċess għall-*control room *tal-bank. Ġie rapportat illi Muscat qal li kien ra l-filmati huwa stess liema filmat kien ġie x'aktarx iffilmjat minn* mobile phone *u kienu nqatgħu ukoll tliet* "cards" *li jagħtu aċċess għal żoni differenti tal-kwartieri tal-bank f'Ħal Qormi:*

"The knowledge of the electronic code, together with their familiarity with the maze of hallways leading to the centre's control room, had convinced investigators at the time the men were in possession of inside information."

*Kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet, fejn qal:* "il-ħallelin l-oħra tal-heist semmewh u qalu li kien hu li ta s-security cards biex jgħaddu mid-diversi bibien/kanċelli tal-bank u li kien hu li ta filmat tal-konfigurazzjoni tal-Head Office fejn sar l-attentat biex il-ħallelin ikunu jistgħu jaslu sal-vault fejn jinżammu miljuni ta' flus kontanti"*, ma jirriżultax mill-provi illi Carmelo Abela kien ta lill-ħallelin filmati u jew* security cards *biex jiksbu aċċess għall-*vaults *tal-bank, jew li l-ħallelin qalu hekk f'xi dikjarazzjonijiet privileġġjata fit-termini tal-artiklu 4(4) tal-Att.*

*Barra minn hekk, ukoll b'kuntrast ma' dak li ġie sottomess mill-konvenut fl-istess nota tiegħu, ma hemm ebda prova fl-atti li tistabbilixxi bħala fatt għall-fini tal-artiklu 4(2)(ċ) tal-Att, illi fi Frar 2021, Vincent Muscat indika* "lill-Pulizija tas-CID li kien qed jirreferi għall-Ministru sedenti li kien strumentali biex ta lill-ħallelin informazzjoni sigrieta, pjanta tal-HSBC Head Office li jwasslu għall-vault u ċ-ċwievet elettroniċi li setgħu jiftħu t-tliet bibien li jwasslu sal-vault, kif ukoll dettalji ta' fejn saru l-laqgħat ta' preparazzjoni bejn il-ħallelin meta kienu preżenti l-Ministru sedenti u l-ex ministru*" jew illi* "Muscat kien informa lill-Pulizija li l-Ministru sedenti kien impjegat tal-HSBC fiż-żmien tal-heist**."** ***Din l-informazzjoni ma tinsab f'ebda waħda mill-pubblikazzjonijiet esebiti fl-atti proċesswali (sew qabel kif ukoll wara l-pubblikazzjoni impunjata) u jekk l-informazzjoni hija dik li l-konvenut xehed li kien irċieva kunfidenzjalment minħabba l-professjoni tiegħu, huwa ma ressaq ebda prova oġġettiva li tagħti fejda għall-allegazzjonijiet li rrepeta fix-xhieda jew is-***

***sottomissjonijiet tiegħu fil-kawża. Speċifikatament, Vincent Muscat ma ġiex imressaq biex jixhed jew jippreżenta kopja tal-protest ġudizzjarju u ma jirriżultax illi l-ittra li ktibu l-aħwa Degorgio u d-dikjarazzjoni li dwarha xehdu quddiem il-Qorti, jirrientraw fid-definizzjoni ta' dikjarazzjoni privileġġjata pubblikata qabel l-istqarrijiet tal-konvenut tad-9 ta' April, 2021.***

***Fuq kollox, hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-konvenut f'azzjoni għal malafama ma jistax jinvoka bħala fatt in sostenn tad-difiża tal-opinjoni onesta, dikjarazzjoni li għamel huwa stess fil-pubbliku u li jkunu ġew rapportati fil-midja. Il-leġislatur irid li l-konvenut f'azzjoni għal malafama jiddefendi l-istqarrija tiegħu bħala opinjoni onesta billi jfittex fatti li kienu jeżistu fiż-żmien tal-pubblikazzjoni jew inkella dikjarazzjonijiet li jkunu saru f'pubblikazzjonijiet dwar materja ta' interess pubbliku, iżda żgur mhux dikjarazzjonijiet tiegħu stess. Dan qed jingħad għaliex jekk id-determinazzjoni dwar jekk id-dikjarazzjoni impunjata tistax tirrappreżenta l-opinjoni ta' persuna onesta, tkun ibbażata fuq dikjarazzjonijiet affermati bħala fatt mill-konvenut innifsu, ikun tassew qed jiġi żnaturat għal kollox id-difiza tal-opinjoni ta' persuna onesta, għaliex il-kejl tad-difiża jkun l-opinjoni tal-konvenut innifsu u mhux l-opinjoni ta' persuna onesta.***

*Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta illi l-biċċa l-kbira mid-dikjarazzjonijiet li ġew rapportati u pubblikati f'*news portals *qabel il-pubblikazzjoni impunjata, saru mill-konvenut innifsu, li beda jitfa' l-botti dwar l-allegat kompliċità ta' ministru fil-Gvern fid-delitt tal-attentat* hold-up *fil-bank HSBC, u qanqal l-ispekolazzjoni fil-*media *li seta' kien l-attur il-kompliċi msemmi minn Vincent Muscat lill-Pulizija – spekolazzjoni li mbagħad ikkolminat fil-post fuq* Facebook *impunjat f'din il-kawża. Il-konvenut esebixxa wkoll dokumenti li huwa ddikjara li huma traskrizzjonijiet ta' testimonjanza li ngħatat fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija v. Darren Debono u Vincent Muscat (Dok. X8 u Dok. X9), fosthom traskrizzjoni tax-xhieda ta' Carmelo Abela. L-attur jikkontesta l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti u jisħaq li m'humiex ammissibbli bħala prova u għandhom jiġu skartati.*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-artiklu 627(e) tal-Kapitolu 12 iqis li l-atti u r-reġistri tal-qrati tal-ġustizzja huma ammissibbli bi prova bla ma tkun meħtieġa ebda prova oħra tal-awtentiċità tagħhom, ħlief dik li tidher minnhom infishom, u jippruvaw dak li jkun fihom, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju. Madankollu, id-dokumenti prodotti mill-konvenut, Dok. X8 u Dok. X9, m'humiex* "atti tal-qrati tal-ġustizzja" *iżda kopja ta' dokument li jidher li saret minn process ta' proċeduri kriminali, liema kopji la m'huma awtentikati u lanqas jidher li saru fil-forma li trid il-liġi mill-uffiċjal li jkun irċieva jew li jkun merfugħ għandu l-oriġinali, jew mill-persuna awtorizzata legalment għal-daqshekk. Minflok, dawn id-dokumenti jidher li jikkonsistu f'kopji stampati minn*

screenshots *ta' xi paġni mill-proċess ta' kawża kriminali. Apparti l-fatt illi r-regola 26(h) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 (fn. 37: Regoli dwar il-Prattika u Proċedura tal-Qrati u l-Bon Ordni) tipprojibixxi t-teħid ta' ritratti f'kull parti mill-binja tal-qrati tal-ġustizzja, evidentement dawn ir-ritratti u jew kopji ttieħdu mingħajr il-permess speċjali tal-Qorti li ppresjediet il-kumpilazzjoni jew li quddiemha dan il-proċess jinsab jew kien jinsab pendenti, skont kif meħtieġ mill-artiklu 518 tal-Kodiċi Kriminali.*

*Għaldaqstant, fiċ-ċirkostanzi, billi l-awtentiċità u ammissibbilità bi prova tad-dokumenti Dok. X8 u Dok. X9 hija kontestata espressament mill-attur, dawn mhux ser jingħataw wisq valur probatorju.*

*Gatley huwa kategoriku meta qal li l-konvenut f'azzjoni għal malafama "*cannot rely on any facts that were not in existence or of which he was not, at least in a general way, aware when the comment was made.*"*

*Fir-rigward, jikkumenta wkoll:-*

"The defendant may not rely on a fact which came into existence after the time of publication for that would be inconsistent with the idea of comment. One cannot "look into the future and comment in facts which have not yet happened". Nor may a commentator rely on facts of which he or she was unaware at the time of publication, even if it is clear that they would have reinforced the decision to make the statement." *(fn. 38: Lowe v. Associated Newspapers Ltd (20060 EWHC 320 (QB) – Gatley page 453.12.32.)*

*Għalhekk ma jistgħux jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini li jiġi sodisfatt il-kundizzjoni li persuna onesta setgħet ikollha l-opinjoni li esprima l-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata, dawk il-fatti li jirriżultaw minn dikjarazzjonijiet ippubblikati fuq diversi* news portals ***<u>wara</u>*** *d-9 ta' April 2021, id-data tal-pubblikazzjoni impunjata.*

*Hekk per eżempju, il-konvenut jagħmel referenza għall-ittra li **f'Mejju 2021** Alfred Degiorgio u George Degiorgio kienu kitbu lill-Kummissarju tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fejn semmew* inter alia *lill-attur dak iż-żmien Ministru Carmelo Abela bħala kompliċi f'reati serji fosthom attentat ta' serq vjolenti mill-bank HSBC fl-2010. Żvelaw li jafu bl-assistenza u mezzi pprovduti mill-attur, li dak iż-żmien kien l-uffiċjal inkarigat bl-assigurazzjoni tal-bank inkluż informazzjoni kunfidenzjali u apparat. Li l-aħwa Degiorgio kitbu u żvelaw dan kollu ġie rapportat bħala fatt fuq in-*news portals <u>lovinmalta.com</u> *u* <u>timesofmalta.com</u> *f'żewġ artikli ppubblikati fit-**2 ta' Ġunju, 2021** u fid-**9 ta' April, 2021** (Dok. X2 u Dok. X1), rispettivament, kif ukoll f'artiklu ppubblikat fuq is-sit elettroniku* <u>newsbook.com.mt</u> *fl-**1 ta' Ġunju, 2021** (Dok. X3).*

*Il-konvenut esebixxa wkoll artiklu ieħor pubblikat fuq* timesofmalta.com ***fl-10 ta' Mejju, 2021*** *li rrapporta (fn. 39: Dok. X5) illi l-attur, Carmelo Abela, bħala* senior insurance and statistics officer, *kien wieħed minn għadd żgħir ta' impjegati tal-bank HSBC li dak iż-żmien kellhom aċċess għall-apparat ta' sigurtà li kien jiġġenera ċwievet elettroniċi* ('cotags'*) li l-Pulizija kienu qed jissuspettaw li ntużaw mill-eżekuturi tar-reat biex jiksbu aċċess għall-*control room *tal-bank. Fl-istess artiklu ġie rapportat ukoll illi filwaqt li l-attur, meta ġie mistoqsi minn ġornalisti ta' Times of Malta dwar l-aċċess li kellu għall-makkinarju li kien jipproduċi l-*cotags*, sostna li ma jiftakarx li qatt ġie mressaq biex xehed dwar il-każ, il-ġurnal kellu aċċess għat-traskrizzjoni tat-testimonjanza tiegħu bħala xhud fejn kien stqarr li kien jagħmel użu mill-*cotag machine. *Ġie rapportat ukoll illi Vince Muscat, li ġie kundannat għar-rwol tiegħu fid-delitt, sostna fit-talba tiegħu għal Maħfra Presidenzjali, illi l-eżekuturi tar-reat kienu rċevew ċwievet elettroniċi b'aċċess għall-bank kif ukoll filmati tal-intern tal-bank, mingħand wieħed mill-kompliċi, filwaqt li Alfred Degiorgio wkoll offra li jagħti informazzjoni dwar* hold-up *u seta' jimplika f'dan id-delitt Ministru sedenti kif ukoll persuna oħra li qabel kienet fil-politika.*

Maltatoday.com.mt *ukoll ippubblika fl-istess ġurnata,* ***10 ta' Mejju, 2021*** ("Carmelo Abela can't recall testifying in HSBC heist case in which he admitted using security equipment*") artiklu li rrapporta dak li ġie pubblikat minn* timesofmalta.com *fl-artiklu appena msemmi, ċioé illi l-attur kellu aċċess għall-apparat li pproduċa ċwievet elettroniċi tal-bank HSBC. Ġie rapportat ukoll illi għalkemm Carmelo Abela kien xehed fil-magħluq quddiem il-Qorti fi Frar 2011 fil-kumpilazzjoni tax-xhieda fil-konfront ta' Darren Debono u Vince Muscat, li kien jagħmel użu minn dan il-makkinarju, sostna li ma jiftakarx li qatt xehed meta kien ġie mistoqsi minn ġornalisti ta' Times of Malta dwar l-użu li kien jagħmel mill-makkinarju. F'dan l-artiklu, l-awtur Kurt Sansone ikkwota sors tal-gazzetta li kien żvela illi l-kriminali* "had a walkthrough" *billi użaw ċwievet elettroniċi li setgħu ġew biss minn xi ħadd fil-bank. Intqal ukoll li Vince Muscat kien implika lil Carmelo Abela bħala kompliċi fil-*hold-up *tal-bank HSBC, filwaqt li Alfred Degiorgio ukoll sostna li kellu* "direct knowledge" *dwar fatti li jimplikaw Ministru sedenti fl-istess delitt.*

***Dawn il-pubblikazzjonijiet appena msemmija, ma jistgħux jitqiesu fil-ġabra tal-provi dwar fatti li kienu jeżistu fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata, jew li jirriżultaw minn dikjarazzjonijiet privileġġjati li ġew ippubblikati qabel id-9 ta' April, 2021, proprju għaliex saru wara u ma kienux eżistenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni in diżamina****.*

*Illi b'żieda ma' dan, il-konvenut, fix-xhieda tiegħu, ikkonferma illi l-istqarrijiet tiegħu fejn identifika lill-attur bħala kompliċi fil-*hold-up *tal-HSBC u jimplika li kien ipprovda*

*mezzi li għenu lill-ħallelin jiksbu aċċess għall-bank (fost akkużi oħrajn), huma bbażati fuq informazzjoni li huwa kien irċieva professjonalment b'mod kunfidenzjali mingħand sorsi li ma setax jiżvelahom. Xehed ukoll li din l-informazzjoni kienet ġiet żvelata wkoll waqt xhieda li ngħatat bil-magħluq fil-kors tal-Inkjesta pubblika li saret b'rabta mal-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Fix-xhieda tiegħu sostna wkoll li meta Vincent Muscat il-Koħħu, wieħed mill-persuni akkużati fi proċeduri kriminali bid-delitt tal-*hold-up *tal-HSBC, ġie biex jitlob għal Maħfra Presidenzjali, kien żvela informazzjoni lill-Pulizija li kienet timplika illi* "ministru sedenti*" fil-Kabinett ta' dak iż-żmien, kien ipprovda għajnuna biex jitwettaq il-*hold-up. *Skont il-konvenut, din l-informazzjoni ġiet żvelata wkoll fi protest ġudizzjarju li kien ppreżenta l-istess Vincent Muscat fil-konfront tal-Prim'Ministru. (fn. 40: Dan l-att ġudizzjarju, madankollu, baqa' ma ġiex esebit kopja tiegħu fl-atti proċesswali u Vincent Muscat qatt ma ġie prodott bħala xhud biex jixhed dwaru. Madankollu, f'artiklu pubblikat fuq* lovinmalta.com *fis-27 ta' Marzu, 2021 (Dok. X6), jintqal li Vince Muscat ippreżenta protest ġudizzjarju fl-4 ta' Novembru, 2020 li fih esprima "*his concerns that a sitting Minister he intends to implicate might be involved in Cabinet's decision on whether his request (for a presidential pardon) should be accepted or refused."

*Iżda m'hemmx għalfejn jingħad, l-informazzjoni kunfidenzjali li l-konvenut xehed li kien irċieva u dak li ntqal bil-magħluq jew ma nġabx prova dwaru, ma jikkostitwixxux* "fatti eżistenti" *u lanqas m'huma dikjarazzjonijiet privileġġjati għaliex evidentement, ma ġewx ippubblikati lil udjenza kbira f'*medium *stabbilit. L-istess l-istqarrijiet li għamlu Alfred Degiorgio u George Degiorgio fix-xhieda tagħhom f'din il-kawża: dawn mhumiex* "fatti" *u f'kull każ, dawn id-dikjarazzjonijiet ma kinux eżistenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni u lanqas jistgħu jitqiesu bħala dikjarazzjonijiet privileġġati. Il-konvenut ipproduċa wkoll bħala xhieda lil George Degiorgio u lil Alfred Degiorgio li xehdu bil-ġurament quddiem il-Qorti f'din il-kawża illi huma kienu qalu lill-avukat tagħhom biex jikteb id-dikjarazzjoni esebita mill-konvenut bħala Dok. JAX, u kkonfermaw li l-kontenut tagħha huwa l-verità. Il-konvenut xehed illi din id-dikarazzjoni kienet intbagħtet lil* media houses *kollha ta' Malta fis-6 ta' Jannar, 2024. (fn. 41: Dan ġie konfermat minn Alfred Degiorgio li xehed illi kiteb id-dikjarazzjoni). F'din id-dikjarazzjoni (Dok. JAX) Alfred u George Degiorgio stqarrew:*

> "... l-involviment ta' membri politiċi fosthom u mhux biss l-ex ministri Carmelo Abela u Chris Cardona bħal meta dawn taw struzzjonijiet sabiex issir il-'heist' tal-Head Office tal-HSBC, u kif kienu involuti f'dan kollu ċerta membri fil-Korp tal-Pulizija u anke avukati u nies li jokkupaw pożizzjonijiet importanti."

*Fix-xhieda tiegħu, Alfred Degiorgio iddikjara:* "... nixtieq niżvela fuq il-biċċa xogħol tal-HSBC, ħames min-nies li huma involuti ... ħames min-nies li qalgħu dil-biċċa xogħol

David Gatt, Chris Cardona, Carmelo Abela, Tony il-Bigli u Duminku tal-SAG tal-pulizija." *L-aħwa stqarrew ukoll li kienu irrilaxxaw din id-dikjarazzjoni wara li ġiet miċħuda t-talba tagħhom biex jingħataw proklama b'rabta mal-*"biċċa xogħol tal-HSBC u l-każ ta' Daphne Caruana Galizia" *u dan* "biex forsi xi ħadd jismagħna u ssir ġustizzja ma' kulħadd mhux magħna biss".

*Iżda fil-fehma tal-Qorti, ix-xhieda ta' George Degiorgio u Alfred Degiorgio ma tikkostitwixxix fatt eżistenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata. Ma jirriżultax illi xi żmien qabel id-9 ta' April, 2021, id-data tal-pubblikazzjoni impunjata, l-aħwa Degiorgio kienu għamlu dikjarazzjoni pubblika dwar l-involviment tal-attur fid-delitt tal-attentat serq mill-bank HSBC. Speċifikatament, ma ġiex ippruvat li d-dikjarazzjoni li kkonfermaw bil-ġurament waqt ix-xhieda tagħhom saret jew kienet teżisti bħala fatt qabel il-pubblikazzjoni impunjata, liema dikjarazzjoni, fi kwalsiasi każ, ma tikkostitwixxix dikjarazzjoni privileġġjata fit-termini tal-artiklu 4(4) tal-Att. Jekk, għal mument biss, ix-xhieda tal-aħwa Degiorgio li l-attur kien involut fid-delitt tal-attentat* hold-up*, kellha tiġi kkunsidrata bħala fatt kif definit fis-subartiklu (2)(ċ) tal-artiklu 4 tal-Att, din tista' tiswa biss bħala fatt illi kompliċi oħrajn fid-delitt qegħdin jallegaw li l-attur kien kompliċi u mhux bħala fatt li jikkostitwixxi bażi raġonevoli biex persuna onesta tasal għall-konklużjoni li l-attur tassew kien il-kompliċi deskritt mill-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata li pprovda ċwievet foloż, filmati tal-intern tal-bank u li kien ser jirċievi €300,000 għal sehmu fid-delitt.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi għalhekk, ikkunsidrat u stabbilit dan kollu, jirriżulta illi l-uniċi fatti li ġew stabbiliti mill-provi proċesswali bħala fatti eżistenti jew affermati f'dikjarazzjonijiet privileġġjati pubblikati qabel id-data tal-pubblikazzjoni impunjata, huma l-fatt li:-*

- *L-attur fiż-żmien tal-attentat* hold-up *fl-2010 kien jaħdem mal-bank HSBC fil-kariga ta'* senior insurance and statistics officer*;*
- *Fiż-żmien tal-pubblikazzjoni huwa kien Ministru fil-Gvern Laburista;*
- *Kif stqarr l-attur innifsu fix-xhieda tiegħu, kien ġie mħarrek bħala xhud biex jixhed quddiem il-Qorti fil-proċeduri kriminali fil-konfront ta' persuni akkużati li wettqu dan id-delitt;*
- *Vince Muscat kien qed jimplika li Ministru tal-Kabinett tal-Gvern dak iż-żmien kien involut f'*"a 'big job', believed to be the infamous 2010 failed heist on HSBC's headquarters in Qormi";
- *Il-Pulizija kienu qed jissuspettaw li d-delitt kien* "an inside job, seeing that the robbers had somehow managed to gain electronic access into the first part of a highly secure area of the bank which leads to the vaults";

- *Il-midja tal-Partit Nazzjonalista staqsiet lill-attur jekk jikkundannax il-Ministru involut jekk dak li kien qed jiġi allegat jirriżultax li huwa minnu; u*
- *Vincent Muscat il-Koħħu qal lill-Pulizija li xi ħadd mill-bank stess għadda lill-eżekuturi tad-delitt filmati li kienu juru kif kellu jinkiseb aċċess għall-*control room *tal-bank.*

***Il-Qorti tqis illi abbażi ta' dawn il-fatti biss, persuna onesta, li taf ben tajjeb illi l-fatt li bniedem qed jitqies minn ħaddieħor (mhux minn xi awtorità investigattiva, prosekutorjali jew ġudizzjarja) bħala ħati tal-kommissjoni ta' delitt, ma jfissirx li huwa tassew ħati, ma tista' qatt tasal biex ikollha l-fehma li l-attur kien il-kompliċi fid-delitt tal-attentat*** **hold-up** ***tal-HSBC, li pprovda ċ-ċwievet foloż u filmati tal-intern tal-bank lill-mandant tad-delitt u li kien ser jirċievi sehem mir-rikavat tad-delitt b'kumpens għall-assistenza li pprovda. Il-qarrej tal-pubblikazzjoni impunjata ma għandux aċċess għall-informazzjoni kunfidenzjali li l-konvenut seta' rċieva jew sar jaf biha fil-kors tal-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu jew għal dak li seta' żvela kompliċi ieħor lill-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet tagħhom. Iktar minn hekk, l-attur Carmelo Abela ma ssemma mkien fid-dikjarazzjonijiet privileġġjati ammissibbli in sostenn tad-difiża tal-opinjoni onesta, bħala l-Ministru sedenti jew bħala kompliċi fid-delitt jew li pprovda l-mezzi biex jgħin fil-kommissjoni tar-reat u kif ingħad diġà, ma jirriżultax illi qatt kien indagat, akkużat jew ikkundannat in konnessjoni ma' dan id-delitt. Kemm hu hekk, fix-xhieda tiegħu l-konvenut jaqbel espressament li qabel ippubblika d-dikjarazzjonijiet li dwarhom saret l-ilment, l-isem tal-attur, Carmelo Abela kien issemma biss*** **"fid-dinja tal-kriminalità"** ***u mhux fil-pubbliku.***

*Fir-rigward, huwa ritenut:*

> "A defamatory statement may impute discreditable behaviour to the claimant, for example involvement in crime, but it may be a matter of dispute what level of involvement the statement imputes. ... If the statement means that the claimant is guilty of a crime, that can only be justified by proving that he is (even if the defendant is merely repeating what someone else has said), and the defendant cannot adduce evidence tending merely to show that he was suspected of a crime."

*Ukoll:-*

> "Even where a statement amounts to a value judgement, there must exist a suffiient factual basis to support it, failing which a value judgement may be excessive. ... A statement which directly says that the claimant has committed a crime must be justified in that sense even if it is accompanied by a statement that

> inquiries into the case are in progress.*" (fn. 42:* ***Ford v. John Fairfax & Sons Ltd.,*** *27 February 1997 N.S.W.S.C.* Intqal ukoll: "Loose talk about suspicions can very easily convey the impression that it is a suspicion that is well-founded." – ***Lewis v. Daily Telegraph*** *(1964) A.C. 234 at 285)*

*Huwa evidenti, kif sewwa ġie sottomess mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet, illi l-konvenut qiegħed jattribwixxi l-istqarrijiet tiegħu lil terzi persuni u bbażahom fuq dak li qalu terzi persuni.*

*Għandu jingħad illi bħala regola ġenerali, persuna ma tistax teludi responsabbiltà għal malafama billi tattribwixxi stqarrija malafamanti lil persuna oħra. Fir-rigward, jingħad:-*

> *"*The 'repetition rule' reflects a fundamental canon of legal policy in the law of defamation ... that words must be interpreted, and the implications they contain justified, by reference to the underlying allegations of fact and not merely by reliance upon some second-hand report or assertion of them. ... '**repeating someone else's libellous statement is just as bad as making the statement directly, and therefore 'for the purpose of the law of libel a hearsay statement is the same as a direct statement.'** (*fn. 43: Gatley bid. 11.18, p. 414, 415) (enfasi tal-Qorti)*

*Dan ifisser illi jekk il-pubblikazzjoni impunjata tikkonsisti fir-ripetizzjoni ta' xi għajdut jew diċerija, il-pubblikatur ma jistax jiddefendu ruħu billi jġib prova li x-xniegħa tassew teżisti; irid jintwera li l-materja li hija l-mertu tad-diċerija għandha wkoll mis-sewwa. L-istess jgħodd fejn il-pubblikatur, mingħajr ma jirrepeti dak li jkun intqal minn xi ħaddieħor, sempliċement jasserixxi li huwa jemmen li stqarrija tirrappreżenta l-verità jew li hemm bażi raġonevoli biex jemmen li tirrappreżenta l-verità: f'liema każ ukoll jeħtieġlu jipprova li l-istqarrija hija l-verità jew li hija bbażata fuq fatti sostanzjalment veri, jew li l-opinjoni tiegħu hija opinjoni onesta konformi mal-liġi, skont ix-xorta tad-dikjarazzjoni. (fn. 44: Lowe v. Associated Newspapers Ltd. – ibid)*

*Għall-konvenut ġie argumentat illi l-Qorti għandha tqis ix-xhieda ta' persuni involuti direttament fid-delitt, bħala xhieda diretta li ma tistax tiġi skartata u hija biżżejjed biex wieħed jasal għall-konklużjoni li l-attur kien identifikabbli bħala kompliċi fid-delitt* "mingħajr il-bżonn ta' investigazzjoni kumplikata"*. Iżda l-konvenut ma llimitax l-istqarrijiet tiegħu biex jistqarr illi hemm persuni li semmew lill-attur bħala kompliċi fid-delitt tal-attentat* hold-up*, u ma imputax biss suspett dwar il-ħtija tal-attur għad-delitt in kwistjoni, iżda akkużah bla tlaqliq b'kompliċità fid-delitt, bħallikieku din il-kompliċità kienet diġà dikjarata minn awtorità prosekutorjali jew ġudizzjarja. Dan*

*għaliex fil-fehma tiegħu kien hemm biżżejjed informazzjoni biex jippronunzja ruħu fuq il-kompliċità tal-attur fil-*hold-up *tal-HSBC.*

*Il-konvenut isostni li Vince Muscat, fit-talba li għamel għal Maħfra Presidenzjali, kien semma li wieħed mill-kompliċi fid-delitt tal-attentat* hold-up *fl-HSBC kien ministru sedenti fil-Kabinett, u li kien qal ukoll illi l-ħallelin ingħataw kopja ta' ċwievet elettroniċi b'aċċess għall-bank minn xi ħadd minn żewġ persuni, jew it-tnejn, liema persuni kienu ser jirċievu miljun Euro u €300,000 rispettivament mir-rikavat tas-serq. Isostni wkoll illi George Degriogio u Alfred Degiorgio kkonfermaw bil-ġurament quddiem il-Qorti fix-xhieda tagħhom illi l-attur kien involut bħala kompliċi fl-istess delitt.*

***L-istqarrijiet ġuramentati ta' kompliċi fid-delitt li jkunu saru mhux fi proċeduri kontra l-persuna aggravata u mingħajr kuntest ta' investigazzjonijiet jew indaġnijiet kriminali fir-rigward tad-delitt in diżamina, fil-fehma tal-Qorti, mhumiex biżżejjed biex jiġġustifikaw l-istqarrija tal-konvenut bħala waħda sostanzjalment vera jew rappreżentanti tal-fehma ta' persuna onesta. Hija biss qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali – mhux il-kompliċi fid-delitt – li għandha l-awtorità tiddikjara l-ħtija o meno ta' persuna għal reat kriminali, u in mankanza ta' kundanna minn awtorità ġudizzjarja dwar ħtija kriminali, il-pubblikatur ta' stqarrijiet dwar il-ħtija tal-persuna aggravata għal delitt kriminali ma jistax jistenna li jagħmel dikjarazzjonijiet dwar il-ħtija ta' persuna oħra li la jirriżulta li hi indagata, akkużata u wisq anqas ikkundannata, jew li jesprimi fil-pubbliku dikjarazzjonijiet, anke ta' opinjoni, li jinferixxu li persuna oħra hija ħatja ta' delitt kriminali mingħajr prova dwar il-fatt addebitat, mingħajr ma jikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna.***

*Barra minn hekk, għandu jingħad illi d-dikjarazzjonijiet tal-kompliċi li għadu mhux ikkundannat għad-delitt dejjem ser jitqiesu b'ċertu kawtela u suspett minn persuna ordinarja u raġonevoli, li huwa konxju li l-kompliċi għandu interess naturali li jipprova jixħet ir-responsabbiltà fuq ħaddieħor biex jiskolpa ruħu.* Multo magis *ix-xhieda tal-kompliċi li jimplika bħala kompliċi fl-istess delitt, persuna li sadanittant għadha ma ssemmiet bl-ebda mod bħala suspettat b'rabta mad-delitt u li jiddikjara li qed ifittex li jikseb għalih innifsu benefiċċju legali bi skambju għal informazzjoni dwar id-delitt. Xhieda bħal din, mingħajr xejn iktar, u senjatament mingħajr kuntest li fih l-attur qed jiġi jew kien qed jiġi jitqies pożittivament mill-Pulizija bħala persuna suspettata b'kompliċità fid-delitt, m'humiex biżżejjed biex jiġġustifikaw l-istqarrija tal-konvenut bħala waħda bbażata fuq il-verità jew rappreżentanti l-fehma ta' persuna onesta. (fn. 45: Kif ingħad diġà, il-Qorti ma tistax tagħti piż probatorju sħiħ lill-kontenut tat-traskrizzjonijiet tax-xhieda ppreżentati mill-konvenut meta l-awtentiċità ta' dawn it-*

*traskrizzjonijiet ġiet kontestata mill-attur u baqa' ma ġewx esebiti kopji legali ta' dawn l-atti skont il-proċedura taħt l-artiklu 518 tal-Kodiċi Kriminali. Barra minn hekk, ir-rapportaġġ tat-testimonjanza ta' Carmelo Abela fil-kumpilazzjoni tax-xhieda fil-konfront ta' Darren Debono u Vince Muscat, fejn ingħad li l-attur xehed li kellu aċċess għall-*cotag machine *u kien inkarigat ukoll bis-sigurtà tal-bank f'ċerti ċirkostanzi, sar f'artiklu pubblikat wara d-9 ta' Mejju, 2021 u għalhekk ma jiswiex bħala fatt għall-kejl tal-opinjoni onesta.)*

*Kif taraha l-Qorti, in mankanza tal-prova tal-fatt tal-investigazzjoni, arrest jew prosekuzzjoni tal-attur bħala kompliċi fid-delitt tal-attentat* hold-up*, persuna onesta ma tistax raġonevolment tesprimi fehma dwar il-ħtija tal-attur bħala l-kompliċi fid-delitt biss abbażi tal-pubblikazzjoni tal-għajdut ta' kompliċi oħrajn fid-delitt.* De minimis*, il-konvenut kien jeħtieġlu jġib prova mill-inqas, tal-fatt li l-attur kien qed jiġi investigat bħala suspettat mill-Pulizija bħala l-kompliċi fid-delitt li pprovda l-mezzi u assistenza msemmija fil-pubblikazzjoni impunjata. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh illi qabel il-pubblikazzjoni impunjata mill-attur f'din il-kawża, ħadd ma kien identifikah b'ismu bħala l-ministru sedenti li kien issemma minn Vincent Muscat u għalhekk, l-istqarrijiet tal-konvenut li jidentifikaw lill-istess attur bħala l-ministru sedenti li kien issemma minn Vincent Muscat bħala kompliċi fid-delitt, liema stqarrijiet inisslu imputazzjoni li l-attur huwa kompliċi fid-delitt, ma jikkostitwixxu xejn ħlief spekolazzjoni u żgur mhux xi konklużjoni* "loġika" *bbażata fuq dikjarazzjonijiet privileġġjati jew xi fatti li jipprovaw il-ħtija tiegħu.*

*Għall-Qorti, ir-rapportaġġ minn* news portals *tal-allegazzjonijiet magħmula minn wieħed mill-kompliċi fid-delitt, akkużat fi proċeduri kriminali, li ministru sedenti fil-kabinett tal-Gvern kien ipprovda l-mezzi biex jinkiseb aċċess għall-intern tal-bank, u ffaċilita l-kommissjoni tad-delitt ukoll b'mezzi oħrajn, m'huwiex biżżejjed biex persuna onesta tasal biex tesprimi sewwasew il-fehma tal-konvenut li dan il-kompliċi huwa l-attur u li l-istess attur kien ipprovda filmati u ċwievet foloz tal-bank, irċieva telefonati mingħand il-mandant tad-delitt u kien sejjer jirċievi s-somma ta' €300,000. Dawn l-irqaqat imkien ma ġew rapportati fuq* news portals *f'artikli ppubblikati qabel id-9 ta' April, 2021 u jekk kienu magħrufin lill-konvenut personalment minn sorsi oħrajn mingħajr ebda prova oħra, dan mhux biżżejjed biex jikkostitwixxi "fatt".*

*Konsegwentement, kif taraha l-Qorti, l-istqarrijiet tal-konvenut jikkonsistu biss f'ripetizzjoni ta' allegazzjonijiet li mhux biss ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-paragrafi (i) u (ii) tal-artiklu 4(2)(ċ) tal-Att biex jitqiesu bħala fatti, talli ma jistgħux jitqiesu lanqas bħala fatti li abbażi tagħhom persuna onesta u raġonevoli jista' jasal biex jesprimi l-istess fehma tal-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata. Dawn l-istqarrijiet, fl-aħjar ipotesi għall-konvenut, jistgħu jikkostitwixxu biss bażi għal spekolazzjoni dwar jekk l-*

*attur jistax jiġi kkunsidrat bħala kompliċi fir-reat jew jistax jinsab ħati ta' din il-kompliċità, u ċertament ma jikkostitwixxux bażi għall-fehma ta' persuna onesta dwar il-ħtija tal-attur għal kompliċità.*

***Fil-fehma tal-Qorti, il-qarrej tal-pubblikazzjoni impunjata, munit bil-fatti stabbiliti mill-provi, seta' jkollu opinjoni bħal dik tal-konvenut biss jekk huwa bniedem ħerqan għall-iskandli politiċi, li jirkorri għal spekolazzjoni u konġetturi u jġebbed l-immaġinazzjoni tiegħu lil hinn minn dak li huwa raġonevoli biex iqanqal teoriji dwar il-ħtija ta' ministru għal kompliċità f'delitt kriminali notorju, meta ma jeżisti ebda investigazzjoni, prosekuzzjoni wisq inqas kundanna tal-attur għal dan id-delitt jew xi delitt kriminali ieħor. Iżda dak il-qarrej m'huwiex rappreżentattiv tal-persuna onesta u raġonevoli li l-leġislatur iddeċieda li għandu jkun il-kejl tal-opinjoni onesta.***

*Għaldaqstant, wara li fliet l-atti u l-provi, il-Qorti tqis li l-konvenut ma rnexxilux jipprova kif imiss li l-imputazzjoni fil-pubblikazzjoni impunjata li l-attur Carmelo Abela kien kompliċi fid-delitt tal-attentat* hold-up *tal-HSBC, tirrappreżenta opinjoni ta' persuna onesta għaliex ma ssodisfax il-kriterji kollha għas-suċċess tad-difiża taħt l-artiklu 4(2) tal-Kap. 579. Il-provi li ġew imressqa mill-konvenut in sostenn tad-difiża tal-opinjoni onesta jistabbilixxu biss li l-istqarrijiet li għamel fil-pubblikazzjoni tad-9 ta' April 2021 kienu bbażati biss fuq spekolazzjoni u diċeriji ta' persuni akkużati formalment bil-kommissjoni tad-delitt dwar l-identità ta'* "sitting minister" *li sadanittant kien ġie imsemmi minn Vincent Muscat bħala wieħed mill-kompliċi l-oħra fl-attentat* hold-up *iżda mingħajr ma kien identifikah b'ismu.*

*In konklużjoni, il-Qorti tqis illi jekk tassew il-konvenut kellu informazzjoni soda dwar l-involviment tal-attur fid-delitt in diżamina, messu mar għand l-awtoritajiet kompetenti inkarigati bl-investigazzjonijiet kriminali biex jiżvela l-fatti lilu noti jew il-fehmiet tiegħu dwar l-istess, mhux ixandarhom bl-iktar mod irresponsabbli mal-erba' rjiħat, meta l-uniku riżultat konkret li seta' jipproduċi l-pubblikazzjoni tal-opinjoni tiegħu dwar il-ħtija tal-attur, huwa t-tħassir b'mod gravi tar-reputazzjoni tal-istess attur s-soċjetà in ġenerali. Hija wkoll immaterjali l-konsiderazzjoni illi fil-futur il-konvenut jista' jingħata raġun, jekk per eżempju l-attur jiġi akkużat quddiem xi qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali bir-reat tal-kompliċità fid-delitt in diżamina jew jinstab ħati għal kompliċità f'dan id-delitt. Fiż-żmien tal-pubblikazzjoni u sal-lum, ma hemm assolutament xejn li jista' jwassal persuna onesta biex jesprimi l-fehma li l-konvenut huwa kompliċi f'dan id-delitt.*

*Irid jingħad ukoll illi l-konvenut, membru parlamentari tal-Oppożizzjoni, kien l-avversarju politiku tal-attur, Ministru tal-Gvern, u għalhekk mhux biss l-opinjoni tiegħu ma tistax tittieħed* ut sic *bħala l-kejl li jrid jintlaħaq skont kif maħsub fl-artiklu 4(2) tal-Att, talli l-konsiderazzjoni dwar jekk fl-espressjoni tal-opinjoni tal-konvenut*

*kienx hemm interess politiku li joskura s-sempliċi twemmin fil-veraċità tal-opinjoni, hija waħda li ma għandhiex titwarrab għal kollox.*

*Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-konvenut m'għandux raġun fit-tieni eċċezzjoni sollevata fir-Risposta tiegħu, għaliex kuntrarjament għal minnu eċċepit, il-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawża ma tistax titqies bħala* "dikjarazzjoni privileġġjata" *għall-finijiet tal-artiklu 4(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Kif taraha l-Qorti, m'huwiex l-istqarrija impunjata li trid tkun dwar materja ta' interess pubbliku, iżda hija dik il-pubblikazzjoni li l-konvenut jikkontendi li fiha jkun ġie affermat fatt jew fatti li abbażi tagħhom persuna onesta setgħet tikkondividi l-opinjoni impunjata, li trid tittratta dwar materja ta' interess pubbliku. Fil-fehma tal-Qorti, din id-dispożizzjoni legali ma toħloq l-ebda difiża* ad hoc *iżda tipprovdi biss it-tifsira tat-terminu* "dikjarazzjoni privileġġjata" *meta din tingħata bħala l-bażi tal-opinjoni onesta a tenur tal-artiklu 4(2)(ċ)(ii) tal-Att għall-fini tad-difiża tal-opinjoni onesta. Kemm hu hekk, is-subartiklu (4) ta' dan l-artiklu jagħmilha ċar illi jekk pubblikazzjoni ser tiġi mfissra bħala* "dikjarazzjoni privileġġjata" *abbażi ta' dan is-subartiklu, dan jgħodd biss fil-kuntest tad-difiża tal-opinjoni onesta a tenur tal-artiklu 4(2) tal-Kap. 579 u għalhekk dak invokat fit-tieni eċċezzjoni ma jistax jiġi mistħarreġ bħala difiża* ad hoc.

*Ikkunsidrat;*

*Illi għall-fini tal-ammont li għandu jiġi likwidat in linea ta danni morali għall-malafama, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-attur wera li wara karriera ta' diversi snin bħala ministru fil-Gvern Laburista, ma reġgħax ġie maħtur għall-kabinett tal-ministri wara l-elezzjonijiet ġenerali li segwew il-pubblikazzjoni impunjata fejn il-konvenut akkużah pubblikament bħala l-kompliċi f'delitt serju, minkejja li kien ġie elett b'mod awtonomu fl-Elezzjonijiet Ġenerali. Qieset ukoll li l-imputazzjonijiet li għamel il-konvenut fil-pubblikazzjoni, essenzjalment jimplikaw li l-attur ikkommetta reat kriminali ferm serju ta' kompliċità f'tentattiv ta' omiċidju u attentat* hold-up, *u mhux sempliċement li jeżisti suspett li jista' jkun ħati jew li hemm diċeriji li kien kompliċi. Dawn huma fost l-iktar imputazzjonijiet gravi li kapaċi jagħmlu ħsara irrimedjabbli lir-reputazzjoni tal-persuna. Irid jittieħed qies ukoll tal-fatt li dawn l-imputazzjonijiet saru fil-konfront ta' persuna li fiż-żmien tal-pubblikazzjoni kienet tokkupa kariga għolja fil-Gvern tal-ġurnata fejn il-ħsara konsegwenzjali lir-reputazzjoni fuq livell politiku, hija inevitabbli. Iżda iktar minn hekk, il-fatt illi d-dikjarazzjonijiet malafamanti jikkostitwixxu wkoll attakk fuq il-karattru morali tal-attur u jiskreditawh mhux biss fuq livell politiku iżda fuq kull livell, jimmilita favur*

*likwidazzjoni ta' danni f'ammont li ma joqrobx lejn il-*minimum. *Fil-fatt, l-imputazzjonijiet ma għandhom x'jaqsmu assolutament xejn mat-twettiq tal-funzjonijiet pubbliċi tal-attur jew għall-kondotta tiegħu fuq livell politiku. Ittieħed kont ukoll tal-fatt li l-imputazzjoni ġiet pubblikata fuq pjattaforma tal-midja soċjali li hi aċċessibbli fiha nnifisha minn numru indefinit ta' persuni u b'mod partikolari il-fatt li l-konvenut qatt ma offra apoloġija lill-attur. M'hemmx prova lanqas illi l-konvenut ħassar il-*post *malafamanti.*

***Il-Qorti tikkundanna l-mod irresponsabbli li mexa bih il-konvenut meta minflok irkorra lill-awtoritajiet kompetenti u eżerċita d-diliġenza mistennija qabel ippubblika imputazzjoni speċifika ta' fatt dwar il-kompliċità tal-attur f'delitt maġġuri, ippubblika l-fehma tiegħu fir-rigward għaliex dehrlu li għandu raġun jasal għal dik il-konklużjoni. Tirribadixxi, kif diġà affermat f'diversi sentenzi preċedenti, illi l-jedd għal-libertà tal-espressjoni ma jista' qatt jiġi interpretat bħallikieku jagħti protezzjoni lil min jippubblika kif ġieb u laħaq fuq* medium *li huwa aċċessibbli lil firxa wiesa' ta' qarrejja u aċċessibbli wkoll indefinittivament, imputazzjonijiet li huma kapaċi jew li effettivament iħassru r-reputazzjoni ta' individwu mingħajr ma jaċċerta li jkun jeżisti bażi fattwali konkreta u oġġettivament riskontrabbli għal dawk l-imputazzjonijiet.***

*Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hi tal-fehma li għandha tillikwida s-somma ta' sebat'elef Euro (€7,000) in linea ta' danni morali."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-21 ta' Ottubru, 2024, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

*"... tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-30 ta' Settembru, 2024 billi tilqa' l-eċċezzjonijiet u l-aggravji mressqa mill-esponenti, u tiċħad it-talbiet tal-attur appellat."*

7. L-appellant ibbaża r-rikors tal-appell tiegħu fuq żewġ aggravji: (1) li l-Ewwel Qorti kienet skorretta fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-liġi; (2) li l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni skorretta tal-fatti u tal-provi.

8. L-appellat wieġeb li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-30 ta' Settembru, 2024 hija ġusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Ewwel Qorti kienet skorretta fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-liġi]*

9. L-appellant qal li d-dokumenti u xhieda mressqa minnu bħala provi huma parzjalment anteċedenti għall-pubblikazzjoni ta' *Facebook* li tifforma s-suġġett tal-kawża, u dawk li segwew il-pubblikazzjoni tressqu biex jikkonfermaw il-fatt li l-opinjoni tal-appellant kienet korretta, u konsegwentement onesta. Qal li jekk opinjoni ta' persuna tikkombaċja mal-verità, din ma tistax tkun diżonesta u skorretta. Qal ukoll li l-verità hija waħda u immutabbli, li tlieta mill-eżekutanti tal-*hold-up* tal-2010 fl-HSBC, stqarrew u tnejn minnhom ikkonfermaw dan bil-ġurament, li l-appellat kien wieħed mill-persuni li organizzaw u għenu fil-pjan tal-*hold-up*. Qal li l-Ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet tagħha qieset li (a) id-dikjarazzjonijiet li saru mill-appellant fil-pubblikazzjoni in kwistjoni, huma dikjarazzjonijiet ta' opinjoni għall-fini tal-artiklu 4(2)(a) tal-Kap. 579, (b) iżda qalet li l-pubblikazzjonijiet preċedenti għall-*post* fuq *Facebook* li dwarha sar l-ilment, fejn l-appellat ma kienx identifikat b'ismu, ma kellhomx iwasslu lill-appellant għall-konklużjoni li Carmelo Abela kien identifikabbli b'dawn il-pubblikazzjonijiet. L-Ewwel Qorti qalet ukoll li jeħtieġ li dawn iż-żewġ elementi jikkonkorru sabiex id-difiża tal-opinjoni onesta tkun tista' tirnexxi. L-appellant qal li huwa ma jaqbilx mal-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward, u filwaqt li huwa jaqbel mal-Ewwel Qorti fejn qieset li d-dikjarazzjonijiet

li saru mill-konvenut fil-pubblikazzjoni in meritu, huma dikjarazzjonijiet ta' opinjoni għall-finijiet tal-artiklu 4(2) tal-Kap. 579, fil-fehma tiegħu l-Qorti interpretat b'mod skorrett il-liġi kkwotata minnha. Qal li l-liġi ma tesiġix li ż-żewġ elementi jissussistu flimkien, u l-element wieħed jew l-ieħor huwa suffiċjenti biex jiġu sodisfatti id-dispożizzjonijiet tal-artiklu 4(2)(a) tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta. Qal li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li kwalunke fatt li eżista taħt l-ewwel element, kellu jkun ukoll ippubblikat u privileġġat, u wara li kkwotat il-liġi, iċċita ukoll dak li jgħid Gatley. Huwa hawnhekk, qal l-appellant, fejn l-Ewwel Qorti ibbażat il-konsiderazzjonijiet u d-deċiżjoni tagħha fuq premessa skorretta.

10. L-appellant qal li wara li ppremettiet din il-premessa, l-Ewwel Qorti warrbet numru ta' dokumenti li ġew esebiti, u dan għal diversi raġunijiet – jew għax inkisbu b'mod mhux ortodoss, jew inkella għaliex ma kinux ippubblikati fil-*media,* u b'hekk ma kinux privileġġati, minkejja li uħud minnhom kienu kkonfermati bil-ġurament, u fosthom kien hemm ukoll id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-appellant innifsu li xehed li huwa kien preżenti meta ngħatat ix-xhieda bil-ġurament ta' Vincent Muscat, il-Koħħu. Qal li dawn id-dokumenti kellhom ikunu koperti taħt id-deskrizzjoni *'kwalunkwe fatt li eżista'* stipulata fil-liġi, indipendentement minn jekk hemmx il-permess tal-Qorti Inkwirenti. L-appellant qal li l-artiklu 632 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jirregola din is-sitwazzjoni billi jistipula illi tista' tinġieb bħala prova kull kitba, stampata jew le, iskrizzjoni, siġilli, bandiera, strument jew għodda ta' arti u sengħa li tista' toffri informazzjoni, tifsir jew raġuni tal-fatti miġjuba fil-kawża. Hawnhekk l-appellant iċċita minn ġurisprudenza li essenzjalment tgħid li l-mezz li bih tinkiseb l-evidenza m'għandux jaffettwa l-ammissibilità tagħha. L-appellant qal li l-prova magħmula minnu permezz tax-xhieda tiegħu u tad-dokumenti

esebiti minnu, kienet illi huwa kien konsapevoli minn fatt eżistenti, u din ix-xhieda tiegħu u d-dokumenti minnu esebiti, u kkonfermati minnu bil-ġurament, jippruvaw dawn il-fatti eżistenti. Qal li l-interpretazzjoni skorretta tal-liġi li għamlet l-Ewwel Qorti, wasslet biex din għamlet skorrettezzi konsegwenzjali tul il-konsiderazzjonijiet kollha tagħha. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox il-validità u l-valur probatorju ta' kull stqarrija, kull dikjarazzjoni, kull xhieda, kull dikjarazzjoni pubblika ġuramentata li saru wara d-9 ta' April, 2021, li kkorroboraw fis-sustanza l-fatti fil-kitba tiegħu. L-appellant qal li dak li kien qed jiġi ppubblikat fil-*media,* bl-indizji li bdew jingħataw mill-eżekutanti tal-attentat, kien diġà qiegħed iwassal lill-qarrej onest għall-konklużjoni li seta' jidentifika lil Carmelo Abela bħala l-*insider* li ħa sehem dirett jew indirett fl-attentat. Qal li kien hemm l-istqarrijiet sussegwenti ta' tlieta mill-ħallelin eżekutanti li semmew lil Carmelo Abela ma' oħrajn, u li l-aħwa Degiorgio kkonfermaw bil-ġurament li l-appellat kien kompliċi fl-organizzazzjoni u fit-twettiq tal-*heist.* L-appellant qal li l-Ewwel Qorti f'dan il-każ irrifjutat li tirrikonoxxi l-prinċipju li l-verità hija oġġettiva, immutabbli, permanenti u universali.

11. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti, flok ikkunsidrat illi tlieta mill-eżekutanti tal-*heist* kienu taw biżżejjed indizji biex persuna onesta tidentifika lill-appellat bħala kompliċi magħhom, u minflok qieset li l-identifikazzjoni tal-appellat mill-appellant kienet korretta, ikkastigat lill-appellant għax il-verità sostantiva ta' dak li qal ġiet ikkonfermata u kkorroborata kemm qabel kitibha kif ukoll wara, minn persuni indipendenti minnu. Qal li din kienet inġustizzja kbira fil-konfront tiegħu. L-appellant qal li huwa fforma l-ħsieb tiegħu minn qari ta' diversi artikli sa mill-ewwel jiem wara l-*hold-up* tal-HSBC fl-2010, sa ftit jiem qabel id-9 ta' April, 2021, u li għalhekk mhux korrett jingħad li huwa kien qiegħed jirreferi għal kitbiet li

kienu qegħdin jirrapportaw dak li qal huwa stess. Hawnhekk l-appellant staqsa għal liema raġuni tqies li kien impossibbli li persuna onesta tasal għall-konklużjoni li Carmelo Abela kien involut bħala kompliċi fl-imsemmi attentat. Qal li l-Pulizija kienet stabbiliet li l-ħallelin kellhom għajnuna mingħand xi ħadd minn ġewwa l-bank li kien ipprovdielhom *security cards* sabiex jiksbu aċċess għall-bank, u anki filmati tal-intern tal-bank, u l-ħallelin aċċedew fil-binja tal-head office tal-bank permezz ta' dawn il-*cards* tas-sigurtà. Qal li l-ħallelin waslu fi ftit ħin sal-anti-kamera tal-*vault* tal-bank, li ġie mibni bħala *maze*. Qal li f'dak iż-żmien l-appellat kien jaħdem bħala wieħed mill-*managers* fil-*head office* tal-HSBC fejn sar l-attentat ta' *hold-up* u ta' omiċidju, u kien wieħed minn numru ristrett ħafna ta' persuni li setgħu jipprovdu aċċess permezz tal-*cards.* Kompla jgħid li kien qiegħed jissemma politiku ewlieni, ministru sedenti u ex-ministru bħala persuni li organizzaw dan il-*heist,* u li pprovdew l-*electronic cards* u l-filmati tal-intern tal-bank, u Carmelo Abela kien l-uniku ministru sedenti li kien jaħdem l-HSBC meta sar il-*heist,* u kien stazzjonat fl-istess bini fejn sar il-*heist,* u kien wieħed mill-ftit persuni li seta' jipprovdi l-*cards.* Qal li mill-mijiet ta' impjegati li kellu l-bank, Abela kien ġie mħarrek biex jixhed fl-Istruttorja dwar l-imsemmi attentat ta' *hold-up*, imma sussegwentement qal li kien nesa dwar dan. L-appellant qal li Vince Muscat, il-Koħħu, li kien wieħed mill-eżekutanti tal-attentat, waqt li kien qiegħed jipprova jikseb maħfra presidenzjali, kien beda jiżvela aktar mal-Pulizija. Qal li fil-proċeduri kriminali kontra Darren Debono, it-Topo, ġiet irtirata l-akkuża mill-Avukat Ġenerali ta' attentat ta' omiċidju fil-konfront tiegħu, minkejja li dan kellu *bullet* li kienet sparata mill-Pulizija dakinhar tal-*heist.* L-appellant qal li l-aħwa Degiorgio, tnejn mill-eżekutanti tal-*heist,* kienu ppreparaw dikjarazzjoni li ntbagħtet lill-Kummissarju tal-Ġustizzja tal-Unjoni

Ewropea, li ġiet ikkonfermata bil-ġurament, fejn semmew b'ismu lil Carmelo Abela bħala wieħed mill-persuni li għen fl-organizzazzjoni u fit-twettiq tal-attentat. Qal li b'dawn il-fatti kollha kien impossibbli li persuna onesta ma tasalx għall-konklużjoni li Carmelo Abela kien involut bħala kompliċi f'dan l-attentat. Qal li dawn il-fatti kollha nqraw fil-gazzetti lokali, u ngħataw prominenza mill-media u b'hekk inqraw minn ħafna nies.

12. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti ma kinitx konsistenti fil-konklużjonijiet tagħha, billi minn banda qieset li tali pubblikazzjoni kienet ta' interess pubbliku, u li għalhekk hemm preżunzjoni li din ingħatat pubbliċità b'mod aċċessibbli għal udjenza kbira, imma fl-istess ħin injorat il-fatt li fil-jiem, fil-ġimgħat, fix-xhur u fis-snin ta' qabel id-9 ta' April, 2021, ġew ippubblikati ħafna artikli dwar dan il-*hold-up*, li nqraw minn udjenza kbira*,* u li kemm ġurnalisti kif ukoll il-kriminali li kienu qegħdin jinsinwaw li l-appellat kien parteċipi jew kompliċi biex seta' jsir il-*hold-up.* Qal li kien hemm diversi artikli li nkitbu bejn Lulju 2010 u Marzu 2021, li kienu mogħtija pubbliċità enormi u li nqraw minn għexieren ta' persuni. Qal li l-Ewwel Qorti skartat kull prova li kien hemm fil-proċess quddiemha imressqa minnu. Qal li kull tant żmien bdew jitfaċċaw indizji ġodda minn uħud mill-eżekutanti tad-delitt, iżda fil-mori tal-kawża dawn l-eżekutanti tad-delitt ma baqgħux biss jagħtu indizji, iżda kixfu l-ismijiet pubblikament. Qal li l-valur probatorju ta' dak li stqarrew u ppubblikaw il-ħallelin kriminali dwar il-kompliċi tagħhom, jipprova li huwa kien korrett meta pponta subgħajh lejn Carmelo Abela bl-informazzjoni li kienet ħarġet mill-Pulizija li kienet qiegħda tinvestiga, u bl-indizji li bdew jippubblikaw l-eżekutanti tal-*heist.* Qal li dawn il-provi li ħarġu wara l-pubblikazzjoni in kwistjoni, ma jistgħux jitwarrbu bħallikieku ma jeżistux, għaliex jippruvaw u juru li persuna b'intelliġenza normali kellu jikkonkludi waħdu li

Carmelo Abela kien involut fil-preparazzjoni tas-serqa. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti injorat ukoll il-fatt li wara d-9 ta' April, 2021, ħarġu fil-beraħ stqarrijiet mill-kriminali nfushom li akkużaw lil Carmelo Abela li kien kompliċi fil-*hold-up* ta' Ġunju 2010, inkluż billi kitbu lill-Kummissjoni Ewropea, u Abela ma ħa l-ebda passi kontrihom, u akkużawh ukoll bil-kitba f'diversi stqarrijiet pubbliċi li għamlu f'Malta u li ġew ċirkolati mill-*media,* iżda Abela ma ħa l-ebda passi kontrihom. L-appellant qal li dan ifisser li għall-Ewwel Qorti, kien irrilevanti li Carmelo Abela lanqas biss ittenta jitlob lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jieħu passi kontra l-aħwa Degiorgio għal kalunnja. L-appellant qal ukoll li quddiem l-Ewwel Qorti huwa kien talab li l-aħwa Degiorgio jiffaċċjaw lil Abela, u fil-fatt kien talab il-kjamata fil-kawża tagħhom, iżda l-appellat Abela kien oġġezzjona għal dan, u l-Ewwel Qorti għalhekk ċaħdet din it-talba tal-appellant.

13. L-appellat wieġeb billi l-ewwel ta sfond fattwali tal-fatti li wasslu għall-proċeduri odjerni. Qal li l-appellant ma baqax membru parlamentari, iżda baqa' attiv politikament, u baqa' jikteb u jattakka prinċipalment persuni li ma jaqbilx magħhom politikament. L-appellat qal li permezz ta' *post* fuq il-paġna tiegħu ta' *Facebook,* l-appellant għamel allegazzjonijiet serji ħafna kontra tiegħu, fejn allega li huwa kien kompliċi f'attentat ta' *hold-up* mill-*head office* tal-HSBC f'Ħal Qormi, u li għal dan l-involviment kellu jirċievi kumpens ta' €300,000. Qal li l-appellant allega wkoll li f'dan l-attentat, l-appellat kien kompliċi ukoll f'attentat ta' omiċidju, fejn ġew sparati 67 tir, u li kien kompliċi wkoll f'theddid li sar bit-*telephone* kontra x-xhieda tal-*hold-up.* Qal li l-appellant lilu identifikah b'ismu, u ma ħalla ebda dubju dwar l-allegazzjonijiet li kien qed jagħmel. L-appellat qal li huwa ppreżenta proċeduri ta' libell dakinhar stess tal-pubblikazzjoni, u li mal-kawża huwa ppreżenta wkoll dikjarazzjoni ġuramentata fejn ċaħad bil-qawwa l-

allegazzjonijiet li saru kontra tiegħu. L-appellat qal li b'allegazzjonijiet bħal dawk li għamel l-appellant, wieħed kien jistenna li dan jeċċepixxi l-verità tal-fatti billi jipprova dak li qal, iżda minflok l-appellant inħeba u ddikjara biss li dik kienet opinjoni onesta tiegħu, u li huwa għadda biss kumment ġust. L-appellat qal li huwa tella' lill-appellant bħala l-ewwel xhud tiegħu sabiex dan mill-ewwel ikollu l-opportunità jiġġustifika l-allegazzjonijiet tiegħu, iżda l-appellant ipprova jipponta subgħajh lejn dak li qalu tliet kriminali, li jgħid li straħ fuqhom. L-appellat qal li minkejja li l-appellant jgħid li l-allegazzjonijiet tiegħu kienu diġà fid-dominju pubbliku qabel id-9 ta' April, 2021, dan mhuwiex minnu, u kien l-appellant stess li għamel allegazzjonijiet malizzjużi kontra tiegħu sabiex jibni l-allegazzjonijiet tiegħu kontrih. L-appellant jaqbel li l-isem tal-attur, Carmelo Abela kien issemma biss espressament 'fid-dinja tal-kriminalità' u mhux fil-pubbliku.

14. L-appellat qal li l-appellant aċċetta li huwa l-awtur tal-kitba fuq il-paġna ta' *Facebook* tiegħu pubblikata minnu fid-9 ta' April, 2021. L-appellat qal li dawk l-allegazzjonijiet li għamel l-appellant fil-pubblikazzjoni mxandra minnu, mhumiex opinjoni onesta jew kummenti tiegħu, iżda akkużi preċiżi u dettaljati maħsuba biex jagħmlu ħsara lilu. Qal li l-messaġġ li ried iwassal l-appellant kien li l-appellat kien kompliċi fil-*hold-up* tal-HSBC, li kien kompliċi mal-imħuħ wara l-istess *hold-up,* u li kien kompliċi fil-wegħda ta' kumpens ta' €300,000 għas-sehem tiegħu fis-serqa, li kien kompliċi f'tentattiv ta' omiċidju fejn ġew sparati 67 tir, u li anki kellu sehem f'telefonati biex jiġu mhedda xhieda tal-*hold-up,* li huma lkoll reati kriminali serji. L-appellat qal li huwa ċaħad dawn l-allegazzjonijiet kollha, u dakinhar stess li ġew ippubblikati mill-appellant, huwa ppreżenta l-kawża ta' libell b'dikjarazzjoni ġuramentata fejn ċaħad l-allegazzjonijiet kollha li saru fil-konfront tiegħu. Qal li l-messaġġ li ried iwassal l-appellant, u dak li fehem il-qarrej

ordinarju, huwa li l-appellat kien kompliċi f'diversi reati serji, fosthom fil-*hold-up* tal-HSBC. Qal li l-appellant baqa' jassumi responsabbilità ċara għall-allegazzjonijiet ta' fatt magħmula minnu, u pprova jattribwihom lil ħaddieħor, ipprova jargumenta li dawk tiegħu kienu argumenti jew opinjoni, u bagħat messaġġ ċar b'akkuża ta' reati serji ħafna. L-appellat qal li l-allegazzjoni ta' kompliċità f'reat kriminali hija allegazzjoni malafamanti u ta' ħsara kbira għalih, li għamlet ħsara lir-reputazzjoni tiegħu, lill-familja tiegħu, u anki lil nies li ma kinux jafuh personalment. L-appellat qal li dwar dawn l-akkużi l-appellant ma ġab l-ebda prova, u kif irrimarkat l-Ewwel Qorti, ma rnexxilux juri li l-appellat kien mixli b'kompliċità fid-delitt jew imqar li huwa meqjus bħala persuna suspettata b'kompliċità fid-delitt. Qal li lanqas il-bank fejn huwa kien impjegat ma kellu l-iċken suspett fih, tant hu hekk li huwa kompla javvanza fil-karriera tiegħu mal-istess bank. L-appellat qal li sad-9 ta' April, 2021, ħadd ma kien semma lilu b'mod dirett, u minkejja li kien hemm montatura gradwali, ma kien hemm l-ebda akkuża espliċita fil-konfront tiegħu, sakemm l-appellant ħareġ pubblikament b'akkużi ċari diretti lejh. Qal li hekk kif l-appellant għamel l-akkuża tiegħu b'mod espliċitu u pubbliku, huwa rreaġixxa mill-ewwel, ippreżenta l-kawża ta' libell, u dakinhar stess ħa ġurament u ppreżenta *affidavit* fejn ċaħad kull involviment għall-atti kriminali li ssemmew mill-appellant. L-appellat qal li kien biss wara l-allegazzjonijiet li għamel l-appellant fid-9 ta' April, 2021, li l-aħwa Degiorgio semmewh b'ismu in konnessjoni ma' atti kriminali, u għalhekk għandu jirriżulta li kienu l-aħwa Degiorgio li segwew dak li għamel l-appellant, u mhux bil-kontra. Qal ukoll li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta rrifjutat l-ammissibilità ta' dokumenti li ried jippreżenta l-appellant, minħabba li dawn ma kinux awtentiċi. Qal ukoll li fi kwalunkwe każ, dawn id-dokumenti ma jsostnux l-allegazzjonijiet

tal-appellant jew jagħtu ħjiel li huwa kien imqar suspettat, u lanqas ma jikkwalifikaw bħala dokumenti pubbliċi b'aċċess għal persuna ordinarja li fuqhom seta' jkollu opinjoni onesta. Qal li huwa qatt ma ġie investigat jew implikat bħala suspettat, u lanqas qatt ma ġie akkużat. L-appellat qal li huwa ma kienx kontradett lanqas meta spjega dan kollu fix-xhieda tiegħu. L-appellat qal li x-xhieda tal-aħwa Degiorgio ma tistax tittieħed bħala kredibbli, u huma stess qalu li l-għan ewlieni tagħhom kien li jingħataw maħfra presidenzjali. Alfred Degiorgio qal li għal xejn ma kien ser jagħmel xejn, u anki George Degiorgio ammetta meta ntalab jixhed quddiem il-Maġistrat Victor Axiaq, li ma kien ser jagħmel xejn ta' xejn. L-appellat qal li l-aġir tal-appellant jindika li dan ma kienx qiegħed jesprimi opinjoni onesta, iżda kellu animu motivat mill-politika, u minn attakk fuq avversarju politiku tiegħu.

15. L-appellat qal li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-appellant kellu juri li kien eżista xi fatt indipendenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, b'wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafi (i) jew (ii) tal-artiklu 4(2)(ċ) tal-Kap. 579, u l-appellant ma kellux għalfejn jipprova l-verità sostanzjali ta' kull allegazzjoni ta' fatt li fuqha tinsab imsejsa l-opinjoni tiegħu, sakemm jagħti sostenn fattwali suffiċjenti lill-imputazzjoni li qiegħed jagħmel l-appellant dwar l-appellat, jiġifieri l-kompliċità tal-appellat fl-attentat ta' *hold-up* fuq il-bank HSBC fl-2010. Qal li l-Qorti ma qalitx li ż-żewġ elementi iridu jissussistu flimkien, imma l-fatti li fuqhom il-konvenut ibbaża ruħu jridu jkunu jeżistu fil-mument li l-konvenut jagħmel id-dikjarazzjoni tiegħu. L-appellat qal li l-liġi f'paragrafu (i) tal-artiklu 4(2)(ċ) tal-Kap. 579 tagħmel riferiment għal kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni kienet pubblikata, filwaqt li fil-paragrafu (ii) tal-liġi huwa rikjest li l-fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata jkun jeżisti qabel il-pubblikazzjoni tal-konvenut. Qal li l-kelma

*'eżista'* tindika li l-fatt ikun eżista b'mod pubbliku u jkun magħruf b'mod pubbliku, u huwa ovvju li fiż-żewġ ipoteżijiet, l-eżistenza tal-fatt trid tkun pubblika u magħrufa biżżejjed, b'tali mod li persuna onesta wkoll setgħet tasal għall-istess opinjoni. Qal li l-appellant dan jafu, u tul il-kawża pprova jikkonvinċi lill-Ewwel Qorti li d-dikjarazzjoni tiegħu kienet ibbażata fuq artikli fil-*media* u xhieda f'kawżi, li implikaw lill-appellat qabel il-pubblikazzjoni impunjata tad-9 ta' April, 2021.

16. L-Ewwel Qorti qieset li filwaqt li dak espress mill-appellant fil-*post* imtella' fuq il-paġna tiegħu ta' *Facebook* jammonta għal espressjoni tal-opinjoni tiegħu, l-istqarrijiet impunjati jikkonsistu f'allegazzjonijiet ta' fatt dwar il-kompliċità tal-attur fid-delitt tal-*hold-up* tal-HSBC, imsawrin bħala dikjarazzjoni ta' opinjoni tal-konvenut, li *"aħjar il-qabar ta' Kristu"* milli tkun kompliċi fid-delitt maġġuri tal-*hold-up* tal-HSBC. L-Ewwel Qorti qalet ukoll li l-appellant naqas milli jipprovdi l-bażi tal-opinjoni tiegħu, jew inkella naqas milli jipprova kif persuna onesta setgħet tasal għall-istess opinjoni tiegħu.

Imma din il-Qorti ma taqbilx li l-kitba impunjata kienet tammonta għal espressjoni ta' opinjoni, imma tqis li din kienet stqarrija skjetta ta' fatt u ta' akkużi preċiżi mill-aktar serji, fejn l-appellant identifika lill-appellat saħansitra b'ismu, bħala l-persuna li kienet kompliċi f'attentat ta' *hold-up* li kien sar fuq il-bank HSBC. Mill-atti jirriżulta li d-dikjarazzjonijiet tal-aħwa Degiorgio fejn l-attur issemma espressament b'ismu, saru wara l-pubblikazzjoni tal-appellant tad-9 ta' April 2021. Fil-kitba impunjata, l-appellant għamel diversi akkużi dwar l-appellat li ġew ippreżentati bħala fatt, inkluż li l-appellat kien il-persuna li pprovda mezzi ta' aċċess għall-partijiet interni fil-*head office* tal-HSBC lill-kriminali li ppjanaw li

jwettqu l-*hold-up,* u allegazzjonijiet oħra bħal li l-appellat kellu jieħu €300,000 rigward il-kompliċità tiegħu f'dak ir-reat. L-appellant qal li huwa seta' jibbaża din l-opinjoni onesta tiegħu fuq diversi rapporti mxandra fil-midja, li sa mill-ewwel ftit ġimgħat wara l-attentat ta' *hold-up* fl-2010, bdew jikkwotaw lil uffiċjali tal-Pulizija jgħidu li l-kriminali li pparteċipaw fl-imsemmi attentat, bilfors kellhom l-assistenza ta' persuna familjari mal-binja tal-bank fejn sar il-*hold-up*, u li kien jaf kemm kien ser ikun hemm flus fil-*vault* tal-bank dakinhar li kellu jsir il-*hold-up.* L-appellant qal li persuni akkużati bl-attentat ta' *hold-up*, bdew jimplikaw li involut magħhom kien hemm membru parlamentari u Ministru tal-Gvern, u għalhekk l-indizji kollha kienu jippuntaw lejn il-persuna tal-appellat li dak iż-żmien kien Ministru tal-Gvern, u li fiż-żmien meta seħħ l-attentat tal-*heist* fuq il-bank, kien jokkupa kariga għolja fil-bank fejn anki kellu aċċess għall-*cards* tas-sigurtà li kienu jintużaw mill-uffiċjali tal-bank sabiex jiksbu aċċess għall-*vault* u għall-partijiet interni tal-istess binja. Huwa għalhekk li l-appellant jgħid li huwa ppreżenta provi, inklużi dokumenti, li ffurmaw il-bażi tal-opinjoni li huwa wasal għaliha, anki jekk dawn id-dokumenti inkisbu minnu b'mod mhux ortodoss, jew inkella għaliex ma kinux ippubblikati fil-*media,* u b'hekk ma kinux privileġġati, minkejja li uħud minnhom kienu kkonfermati bil-ġurament, u fosthom kien hemm ukoll id-dikjarazzjoni ġuramentata tal-appellant innifsu li xehed li huwa kien preżenti meta ngħatat ix-xhieda bil-ġurament ta' Vincent Muscat, il-Koħħu.

17. Il-Qorti tqis li permezz ta' kitba mtella' fuq *Facebook* fid-9 ta' April, 2021, l-appellant, għamel dikjarazzjonijiet li lilhinn mit-retorika u l-ewfemiżmi li uża, tinftiehem faċilment mill-qarrej ordinarju mingħajr ebda diffikultà, li l-kompliċi li dwaru jirreferu l-istqarrijiet impunjati, ma kien ħadd ħlief l-appellat Carmelo Abela. Fil-kitba impunjata, l-appellant kiteb is-segwenti:

> *"Qaluli li l-Ministru Carmelo Abela illum kiteb fil-konfront tieghi, minghalih jghajjarni bil-"qabar ta' Kristu" u b'"qaddis" ghax jien fakkart bil-kaz meta hu inqabad juża haddiema tal-Gvern fl-2015 ghal xoghol fid-dar tieghu personali. Li hu DELITT.*
>
> *Le, Carm, qaddis miniex. U ara taħseb ha timpressjonani jew tinfluwenzani issemmi b'qerq int il-qabar ta' Kristu.*
>
> *Din biss ha nghid ghalissa: ahjar il-qabar ta' Kristu, milli nkun komplici fil-hold up tal-HSBC.*
>
> *Ahjar il-qabar ta' Kristu milli nkun komplici mal-mohh tal-hold up billi naghti filmati ta' gewwa l-bank u cwievet foloz.*
>
> *Ahjar il-qabar ta' Kristu milli nkun komplici f'hold up bil-weghda ta' €300,000 mis-serqa.*
>
> *Ahjar il-qabar ta' Kristu milli nkun komplici f'tentattiv ta' omicidju fejn gew sparati 67 tir.*
>
> *Ahjar il-qabar ta' Kristu milli nkun komplici f'telefonati biex jigu mhedded xhieda ta' hold up, b'telefonati fuq Signal mill-mandant.*
>
> *Dak ghalissa"*

Id-difiża tal-appellant tistrieħ fuq dak li s-sub-artiklu 4(2) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (il-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta) fil-*margin note* tiegħu jsejjaħ id-difiża tal-*'opinjoni onesta'*. Din id-difiża ħadet post dik li qabel il-promulgazzjoni tal-Att XI tal-2018, kienet tissejjaħ id-difiża tal-*fair comment*. L-imsemmi sub-artiklu 4(2) tal-Kap. 579[1] jgħid li:

> "... hija difiża għal azzjoni ta' malafama li l-konvenut juri li l-kundizzjonijiet li ġejjin ġew sodisfatti:
>
> (a) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment hija dikjarazzjoni ta' opinjoni;
>
> (b) id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni;
>
> (ċ) li persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' –

[1] Din id-dispożizzjoni tal-liġi hija bbażata fuq l-artikolu 3 tad-*Defamation Act, 2013* tar-Renju Unit.

(i) kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew

(ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment."

18. Minn qari tal-Kap. 579, jirriżulta ċar li r-rekwiżiti tas-subartiklu 4(2)(a), (b) u (ċ) tiegħu, għandhom jiġu sodisfatti kumulattivament, għaliex dan is-sub-artiklu jgħid li l-konvenut għandu juri li *'l-kundizzjonijiet li ġejjin ġew sodisfatti'*, u mhux li xi waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ġiet sodisfatta. Mill-banda l-oħra, ir-rekwiżit tas-subartiklu 4(2)(ċ) jista' jiġi sodisfatt jew b'dak li jipprovdi s-sub-inċiż 4(2)(ċ)(i), inkella b'dak li jipprovdi s-sub-inċiż 4(2)(ċ)(i) tal-Kap. 579, u ċjoé persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' (i) kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; **jew**[2] (ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment. Għalhekk, opinjoni onesta, la darba hija bbażata fuq fatt, dak il-fatt irid ikun jeżisti fiż-żmien meta saret il-pubblikazzjoni impunjata. Anki jekk l-opinjoni onesta tkun ibbażata fuq ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni pprivileġġjata, tali dikjarazzjoni pprivileġġjata trid tkun ġiet ippubblikata qabel id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment.

19. Id-difiża tal-opinjoni onesta tipproteġi lill-konvenut meta jkun esprima opinjoni, u mhux meta jkun għamel stqarrija ta' fatt. Biex din id-difiża tal-*'opinjoni onesta'* tirnexxi, il-konvenut għandu jissodisfa it-tliet kundizzjonijiet li ġejjin:

[2] Enfasi tal-Qorti.

*Stqarrija ta' opinjoni*

Il-kliem impunjat fil-pubblikazzjoni li dwarha jsir l-ilment, irid ikun rikonoxxibbli, ossija jintgħaraf, li huwa opinjoni, kumment, deduzzjoni, kritika, ġudizzju jew rimarka, u mhux allegazzjoni ta' fatt oġġettiv. Għalhekk għandha ssir distinzjoni ċara bejn stqarrijiet ta' fatt u stqarrijiet ta' opinjoni.

*Il-bażi tal-opinjoni*

Il-pubblikazzjoni li dwarha jsir l-ilment għandha tindika b'mod ċar f'termini speċifiċi jew ġeneriċi, il-bażi tal-opinjoni, u ċjoé il-fatti li wasslu għall-opinjoni tal-konvenut. Il-qarrej irid jingħata idea fuqiex hija bbażata l-opinjoni tal-awtur, il-kuntest jew il-fatti li fuqhom hija bbażata.

*Persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni*

Persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' (a) kwalunkwe fatt li kien jeżisti fiż-żmien li d-dikjarazzjoni impunjata ġiet ippubblikata, jew (b) dak li jiġi ppreżentat bħala fatt fi stqarrija privileġġjata li tiġi ppubblikata qabel il-pubblikazzjoni li dwarha jsir l-ilment. Il-mistoqsija li għandha tiġi mwieġba hawnhekk, tenut kont tal-fatti li kienu jeżistu fiż-żmien li saret il-pubblikazzjoni impunjata, jew ta' dak li ġie ppreżentat bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata li saret fl-istess żmien, setgħet persuna onesta tifforma l-istess opinjoni li ppubblika l-konvenut?

20. Fis-sentenza **Koutsogiannis v Random House Group Ltd**, l-Imħallef Nicklin J għamel ġabra fil-qosor tal-prinċipji li fuqhom għandha ssir id-distinzjoni bejn fatt u opinjoni:

> *"The statement must be recognisable as comment or opinion, as distinct from an assertion of fact. Common indicators of opinion include evaluative or judgmental language, figurative expression, or phrasing like "in my view" or "I think". Conversely, a bald allegation like "X committed a crime" reads as factual".*

21. Il-Qorti tirrileva li sa meta fid-9 ta' April, 2021 l-appellant ippubblika fuq il-paġna tiegħu ta' *Facebook* id-dikjarazzjoni li dwarha sar l-ilment mill-appellat, fid-dominju pubbliku qatt ma kien għadu semma direttament isem l-appellat fil-kuntest tal-attentat tal-*hold-up* tal-HSBC. Dak li kien ġara qabel il-pubblikazzjoni impunjata, kien li persuni b'*record* kriminali akkużati bl-attentat ta' *hold-up* fil-*head office* tal-HSBC, bdew jimplikaw li involut magħhom kien hemm Membru Parlamentari u Ministru tal-Gvern, u dan bl-iskop li huma jiksbu maħfra presidenzjali. Li kien issemma wkoll pubblikament qabel ma ttellgħet fuq *Facebook* mill-appellant il-kitba impunjata, kien li l-Pulizija kienet qiegħda tissuspetta li l-imsemmi attentat ta' *hold-up* kien *an inside job,* fejn l-eżekuturi tar-reat kellhom lil xi ħadd jgħinhom minn ġewwa l-bank bħala kompliċi tagħhom. Madanakollu l-konvenut fil-pubblikazzjoni impunjata, jagħmel stqarrija ta' fatt u mhux ta' opinjoni, fejn lil hinn mir-retorika, fis-sustanza jgħid li l-appellat kien kompliċi fil-*hold-up* tal-HSBC; kien kompliċi f'*hold-up* bil-wegħda ta' €300,000 mis-serqa; kien kompliċi f'tentattiv ta' omiċidju fejn ġew sparati 67 tir; kien kompliċi f'telefonati biex jiġu mhedda xhieda ta' *hold-up*, b'telefonati fuq Signal mill-mandant. L-appellant jgħid bħala fatt u bl-aktar mod assertiv u skjett, li l-appellat huwa kompliċi f'dan kollu, imma ma jgħidx li kien qed jibbaża dak kollu li kiteb fil-*post* tiegħu fuq *Facebook*, fuq dak li kienu qegħdin jallegaw tliet kriminali notorji, bl-iskop li jiksbu maħfra presidenzjali, li membru parlamentari u Ministru tal-Gvern kienu kompliċi magħhom fl-attentat ta' *hold-up*. Il-Qorti għalhekk tqis li l-kitba impunjata hija stqarrija ta' fatt u mhux stqarrija

ta' opinjoni, u minħabba f'hekk ma tissodisfax wieħed mill-pre-rekwiżiti meħtieġa sabiex tirnexxi d-difiża tal-*'opinjoni onesta'*. Il-Qorti tqis li għall-finijiet tal-istħarriġ tagħha dwar jekk id-difiża tal-opinjoni onesta mressqa mill-appellant għandiex tirnexxi fil-każ odjern, tista' tieqaf hawnhekk. Anki jekk biss għas-saħħa tal-argument, il-kitba impunjata kellha titqies li hija stqarrija ta' opinjoni u mhux stqarrija ta' fatt kif effettivament kienet, huwa evidenti li l-appellant seta' biss jinvoka bħala l-bażi ta' dak li kiteb, l-allegazzjonijiet li kienu qegħdin jagħmlu tliet kriminali magħrufa bl-iskop li jiksbu maħfra presidenzjali. L-appellant dan m'għamlux, għaliex kieku speċifika l-bażi tal-'opinjoni' tiegħu, il-qarrej ordinarju kien ikun fl-aħjar pożizzjoni biex jifforma l-opinjoni onesta tiegħu.

22. Il-pubblikazzjoni impunjata tfalli test ieħor stabbilit mil-liġi sabiex tkun tista' tirnexxi d-difiża tal-'opinjoni onesta', 'il għaliex hija nieqsa mill-bażi tal-opinjoni tal-appellant, li hija pre-rekwiżit ieħor stabbilit mis-sub-artiklu 4(2) tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant naqas milli jindika liema kienu l-fatti li wasslu għall-opinjoni tiegħu, ċjoé il-kuntest u l-elementi fattwali li fuqhom hija bbażata l-'opinjoni onesta' tiegħu. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell f'**Riley v Murray**, l-Imħallef Warby L.J. qal li:

> *"the only question raised by section 3(3) of the 2013 Act is whether the statement complained of indicated the basis of the opinion which it contained."*

L-appellant fil-pubblikazzjoni impunjata jagħmel stqarrija ta' fatt, b'mod mill-aktar skjett u kategoriku, mentri sabiex tirnexxi d-difiża tiegħu tal-opinjoni onesta, huwa kellu jistqarr opinjoni jew kumment, u kellu jindika l-bażi tal-opinjoni tiegħu. Fil-pubblikazzjoni impunjata, l-appellant ma esprima l-ebda opinjoni, imma stqarr bħala fatt li l-appellat kien kompliċi f'diversi reati kriminali

mill-aktar serji, mingħajr ma jgħid li l-bażi ta' dak li kien qiegħed jgħid, kienu allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru minn tliet qattiela kriminali li kienu nvoluti fl-istess attentat ta' *hold-up*, li kienu qegħdin ifittxu li jingħataw maħfra presidenzjali. Naturalment li kieku l-appellant stqarr fil-pubblikazzjoni impunjata, li l-bażi ta' dak li kien qiegħed jasserixxi fil-kitba tiegħu bħala fatt u mhux bħala opinjoni, kien jinsab f'dak li kien qiegħed jingħad fid-dinja tal-kriminalità organizzata, dan kien inaqqas ħafna jekk mhux itellef għal kollox il-kredibbilità u l-effettività tal-pubblikazzjoni tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis li huwa doveruż li tistaqsi x'onestà hija dik ta' min ixandar bħala fatt dak li kienu qegħdin jallegaw persuni b'*record* kriminali kopjuż, mingħajr ma jistqarr bl-aktar mod ċar li l-bażi ta' dak li qiegħed jasserxxi fil-pubblikazzjoni impunjata, kienu biss allegazzjonijiet li saru mill-istess kriminali, f'kuntest ta' talba li huma għamlu għal maħfra presidenzjali.

23. Il-Qorti ttenni li l-istqarrija tal-appellant ġiet ippreżentata bħala fatt kompjut, jiġifieri l-appellant qal, mingħajr wisq tidwir mal-lewża, li kien l-appellat li ta aċċess lill-persuni kriminali li eventwalment ġew akkużati b'kompliċità fl-attentat ta' *hold-up* tal-HSBC, u qal li l-appellat għamel dan għaliex kien ġie mwiegħed somma sostanzjali ta' flus. Fil-kitba tiegħu l-appellant ma jgħidx li l-Pulizija kellha suspetti fl-appellat, jew li dan f'xi ħin ġie jew kien hemm il-ħsieb li jiġi investigat fir-rigward tal-allegazzjonijiet li kienu qegħdin isiru dwar min seta' possibilment għen lill-persuni li wettqu l-*heist* fuq il-bank. Qabel ma l-appellant ippubblika il-*post* tiegħu fuq *Facebook* fid-9 ta' April, 2021, kienu jeżistu indizji li l-attentat ta' *hold-up* seta' ġie ffaċilitat minn persuni minn ġewwa l-bank, li kienu midħla tas-sistema tas-sigurtà tal-bank, iżda ċertament li ħadd ma kien għadu assoċja jew b'xi mod indika li l-appellat kien il-persuna li ffaċilita l-aċċess jew li

b'xi mod għen lill-ħallelin bħala kompliċi fis-serqa. Anki jekk għal snin twal dehru rapporti fil-gazzetti li kienu jesprimu t-tħassib tal-investigaturi dwar il-possibilità li dan ir-reat seta' kien mgħejun minn persuni minn ġewwa l-bank, sa dakinhar li l-appellant xandar lill-appellat b'ismu u akkużah, mhux biss li kien għen lill-ħallelin, iżda wkoll li kien ser jirċievi somma flus sostanzjali għal dan, ħadd ma kien għadu qal pubblikament li l-appellat b'xi mod kellu x'jaqsam mas-serqa. Il-Qorti hawnhekk tirrileva illi sabiex id-difiża tal-opinjoni onesta tirnexxi, jeħtieġ li persuna onesta, abbażi tal-fatti magħrufa lilha, kienet tasal sabiex ikollha l-istess opinjoni bħal dik espressa mill-appellant fil-pubblikazzjoni impunjata. Mill-provi jirriżulta li kien wara li ġiet imxandra il-pubblikazzjoni in kwistjoni mill-appellant, li Vince Muscat il-Koħħu u l-aħwa Degiorgio bdew jagħmlu riferiment dirett għall-appellat fl-istqarrijiet u fit-talbiet tagħhom għall-maħfra presidenzjali.

24. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li t-testimonjanza ġuramenta tal-appellant, u r-riferimenti li saru minnu għal xhieda li ngħatat bil-magħluq, ma jistgħux jitqiesu bħala *'fatti eżistenti'*, u lanqas ma jistgħu jitqiesu bħala dikjarazzjonijiet privileġġati, għaliex dawn ma ġewx ippubblikati għall-konsum ta' udjenza wiesgħa. Din il-Qorti taqbel li semmai dak li ngħad mill-persuni akkużati bl-attentat ta' *hold-up* fuq il-bank, jammonta biss għal allegazzjoni li l-appellat kien involut magħhom fir-reat li wettqu, u mhux bħala stat ta' fatt li l-appellat kien involut fl-attentat ta' *hold-up* in kwistjoni. Min-naħa l-oħra l-appellant bil-pubblikazzjoni tiegħu ppreżenta bħala stat ta' fatt l-allegazzjonijiet li għamel fil-konfront tal-appellat.

25. Fl-aggravju tiegħu l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti injorat il-valur probatorju ta' stqarrijiet u dikjarazzjonijiet li saru wara d-9 ta' April, 2021, li

kkorroboraw dak li nkiteb minnu fil-pubblikazzjoni impunjata. Madanakollu l-Qorti tirrileva li l-fatti eżistenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni impunjata, u kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġata, fi kwalunkwe każ iridu jkunu saru qabel il-pubblikazzjoni impunjata, u mhux wara. Ladarba l-appellant qiegħed jittenta jikkonvinċi lill-Qorti li huwa bbaża *'l-opinjoni onesta'* tiegħu fuq dokumenti u provi oħra, inkluż xhieda li ddeponew fi proċeduri ġudizzjarji, il-ħsieb jew l-opinjoni onesta tiegħu kellhom jiġu ffurmati abbażi ta' dokumenti jew evidenza eżistenti qabel id-9 ta' April, 2021, u mhux wara. L-appellant xandar il-pubblikazzjoni tiegħu fid-9 ta' April, 2021, u għalhekk huma biss dokumenti u evidenza mogħtija qabel dik id-data li setgħu ffurmaw l-*'opinjoni onesta'* mxandra minnu dakinhar, u mhux f'dati sussegwenti. Din il-Qorti tqis li għall-finijiet tad-difiża tal-*'opinjoni onesta'* l-appellat seta' jistrieħ biss fuq fatti li kienu a konoxxenza tiegħu fil-mument li huwa wasal biex xandar il-pubblikazzjoni in kwistjoni. L-artiklu 4(2)(ċ)(i) tal-Kap. 579 fil-fatt jgħid li *'persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' kwalunkwe fatt li eżista fiż-żmien li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata'.* Dak li ngħad jew inkiteb wara d-9 ta' April, 2021, huwa għal kollox irrilevanti għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, għaliex il-*punctum temporis* għall-iskop tad-difiża tal-*'opinjoni onesta'* huwa ż-żmien meta saret il-pubblikazzjoni impunjata. Ma jirriżultax illi xi żmien qabel id-9 ta' April, 2021, id-data tal-pubblikazzjoni impunjata, l-aħwa Degiorgio u Vince Muscat kienu għamlu dikjarazzjoni pubblika dwar l-involviment tal-attur fl-attentat ta' *hold-up* mill-bank HSBC. Imma indipendentement minn dan, l-artikli fil-gazzetti li jagħmel riferiment għalihom l-appellant għal fini tad-difiża tiegħu tal-*'opinjoni onesta'*, kemm dawk qabel u anki dawk wara id-9 ta' April, 2021, huma kollha bbażati fuq dak li kien qiegħed

jiġi allegat fid-dinja tal-kriminalità organizzata, li fil-fehma ta' din il-Qorti ma tista' qatt tkun il-bażi sabiex tiġi ffurmata l-ebda '*opinjoni onesta'*, f'kuntest fejn it-tliet kriminali in kwistjoni, kienu għadhom ma ġewx ipproċessati kriminalment u kienu qegħdin ifittxu li jingħataw maħfra presidenzjali, u kien fl-interess tagħhom li bl-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront tal-appellat, jixħtu pressjoni fuq l-awtoritajiet sabiex dawn jirrakkomandaw li huma jingħataw l-maħfra presidenzjali. Sewwa qalet l-Ewwel Qorti li d-dikjarazzjonijiet tal-kompliċi li għadu mhux ikkundannat għad-delitt dejjem ser jitqiesu b'ċertu kawtela u suspett minn persuna ordinarja u raġonevoli.[3] Għar-raġunijiet suesposti, tqis illi dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju: [L-apprezzament tal-fatti u l-provi]*

21. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti elenkat il-fatti li skont hi irriżultawlha mill-provi, u li skont hi m'hemmx kontestazzjoni dwarhom, imma f'din il-lista tal-fatti elenkati mill-Ewwel Qorti, wieħed irid iżid fatti rilevanti li tħallew barra u oħrajn li huma żbaljati. L-appellant qal l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li l-imputazzjoni imnissla mill-pubblikazzjoni impunjata m'għandha x'taqsam xejn direttament mat-twettiq tal-funzjonijiet pubbliċi tal-attur u l-kondotta tiegħu fuq livell politiku, anki għaliex tirreferi għal fatti li seħħew meta ma kienx persuna politika iżda persuna privata. L-appellant qal li dan ma jirriżulta minn ebda prova mressqa, u l-appellat ilu Deputat Parlamentari mill-1996. Qal li fl-2010, Carmelo Abela mhux biss kien deputat parlamentari, iżda kien ukoll *deputy speaker.*

[3] L-artikolu 639 (3) tal-Kap. 9 jipprovdi li: *'Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċessli jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkużat.'*.

B'riferiment għall-mod kif l-Ewwel Qorti ddeskriviet lilu u l-intenzjonijiet tiegħu, l-appellant staqsa jekk it-tliet akkużati fil-*heist* ukoll kinux qegħdin jimmaġinaw meta għamlu ċerti akkużi fil-konfront tal-appellat. L-appellant qal li huwa rrepeta dak li qalu l-kompliċi, iżda la l-Kummissarju tal-Pulizija ma ħass li għandu jinvestiga ulterjorment, u lanqas l-Avukat Ġenerali ma ħasset il-ħtieġa li toħroġ xi att ta' akkuża, u għalhekk la kien hemm prosekuzzjoni u lanqas kundanna. Qal li l-appellat kien impjegat mal-bank fil-*head office* fejn sar l-attentat ta' *hold-up*, u mill-provi rriżulta li parti minn xogħlu kien li flimkien ma' għadd limitat ħafna ta' impjegati oħra, kellu aċċess għall-għodda tal-*cotag machine,* li tipproduċi ċ-ċwievet elettroniċi għad-diversi bibien fil-*head office* tal-bank. L-appellant qal li l-Pulizija ddeskrivew il-mod kif il-ħallelin waslu għall-*vault* fejn kien hemm il-flus, bħala '*walkthrough'* minħabba li dawn waslu hemm fi ftit sekondi biss, meta normalment persuna li ma tkunx midħla tal-binja tal-bank, tieħu ħafna aktar ħin biex tasal għalih. Qal li f'artiklu ppubblikat fil-gazzetta *The Times* f'Lulju 2010 il-gazzetta kienet diġà qiegħda ssemmi dawn il-fatturi, apparti l-fatt li jrid ikollok *electronic key* għal kull bieb sabiex tasal għall-*vault,* għax altrimenti trid tisgassa kull wieħed mill-erba' bibien biex tasal hemmhekk. Hawnhekk l-appellant għamel riferiment għal diversi artikli li dehru fil-ġurnali, fosthom fuq *lovinmalta.com* fis-27 ta' Marzu, 2021, u fis-sit *timesofmalta.com* tal-1 ta' Novembru, 2020 fejn ingħad li Vince Muscat, fit-talba li għamel għal maħfra presidenzjali, kien informa lill-investigaturi li jista' jipprovdi isem ta' individwu '*believed to be a former high-ranking Labour politician',* li għen ifassal pjan biex jitwettaq il-*hold-up* tal-bank. L-appellant ipproduċa sensiela ta' artikli li kienu fid-dominju pubbliku sa minn qabel id-9 ta' April, 2021, dwar l-involviment ta' kompliċi minn ġewwa l-*head office* tal-HSBC f'Ħal Qormi, fejn kien jaħdem l-

appellat, liema artikli l-appellant jgħid li ffurmaw il-*forma mentis* tiegħu. Hawnhekk l-appellant għamel riferiment għal artikli li dehru fil-gazzetta *Maltatoday* u fil-gazzetta *Times of Malta* fit-2 ta' Lulju, 2010, fejn il-Pulizija qalet li kienu konvinti li kien hemm għajnuna minn ġewwa fit-twettiq tal-*hold-up* in kwistjoni. Dan ukoll ġie kkonfermat mill-gazzetta *Maltatoday* fid-29 ta' Marzu, 2021. Qal li f'artiklu ieħor ippubblikat fis-27 ta' Marzu, 2021, is-sit *lovinmalta.com*, irrapporta li Vince Muscat kien qed jimplika li Ministru tal-Kabinett tal-Gvern ta' dak iż-żmien kien involut f'xi ħaġa kbira. Fl-istess artiklu ngħad li l-investigaturi tal-attentat *hold-up* mill-HSBC, mill-ewwel qiesuh bħala *'insider job'.* L-appellant irrefera wkoll għall-pubblikazzjoni fit-*timesofmalta.com* tal-1 ta' Novembru, 2020 fejn ġie kkwotat l-appellant jgħid li Vince Muscat il-Koħħu għamel riferiment ukoll għal '*a sitting cabinet minister',* u li dan il-fatt ġie kkonfermat indipendentement mill-gazzetta *Maltatoday*. L-appellant għamel riferiment ukoll għall-artiklu fil-verżjoni *online* tal-*Maltatoday* tal-1 ta' Novembru, 2020, fejn ġie rappurtat li l-avukat ta' Vince Muscat il-Koħħu, kien qal lill-gazzetta li kien hemm Ministru sedenti li kellu kunflitt ta' interess fid-deċiżjoni tal-għoti tal-proklama jew le. L-appellant qal li fl-istess jum, jiġifieri fl-1 ta' Novembru, 2020, kien hemm artiklu fuq il-*Malta Independent online* li rrappurtat li '*Maltatoday reported that the Labour politician in question is now a Cabinet Minister.'* Qal li għal xi raġuni l-Ewwel Qorti injorat dawn l-aħbarijiet li ddominaw għal xhur sħaħ qabel April tal-2021, u li abbażi tagħhom huwa fforma l-opinjoni onesta tiegħu. L-appellant għamel riferiment ukoll għal dak li qalet il-gazzetta *Times of Malta* tas-16 ta' Mejju, 2021, li rrappurtat dak li kienu qalu l-aħwa Degiorgio u Vince Muscat qabel April tal-2021, u qalet li '*Times of Malta has independently confirmed the reference by Muscat and Degiorgio to a Minister*

*being involved in a major crime is indeed a reference to the HSBC heist and Abela.'* L-appellant għamel riferiment ukoll għal rapport ieħor li deher fil-gazzetta *The Times of Malta* tas-16 ta' Mejju, 2021, li ikkonferma li qabel l-2020 Vince Muscat kien diġà qal lill-Pulizija li l-ħallelin ingħataw il-*key cards* minn kompliċi ġewwa l-bank, u li Carmelo Abela kien ikkonferma mal-istess ġazzetta li huwa kellu aċċess għall-apparat li jistampa l-*key cards.* L-appellant qal li fid-dawl ta' dan kollu, huwa kellu d-dritt li jasal għall-fehma onesta tiegħu li kien qed jorbot lill-appellat mal-magna li stampat dak li kellhom il-ħallelin biex setgħu jaslu sal-*vault* tal-bank.

22. L-appellant għamel riferiment għall-gazzetta *Maltatoday* tad-29 ta' Marzu, 2021, li rrappurtat li l-kriminali bdew isemmu li kien hemm l-involviment ta' Ministru attwali u ta' ex Ministru fl-attentat tal-*hold-up*, u qal li bniedem raġonevoli, b'intelliġenza ordinarja li jaqra dan l-artiklu seta' jasal għall-fehma onesta u jgħaddi l-kumment ġust li kien hemm l-involviment ta' Ministru sedenti u ta' membru parlamentari fil-*hold-up* in kwistjoni. L-appellant irrefera wkoll għall-kitba ta' Manwel Delia tas-16 ta' Marzu, 2021, li ukoll għamel riferiment għall-fatt li Vince Muscat qal fil-Qorti bil-miftuħ li kien hemm ex Ministru u Ministru sedenti li kienu assistew lill-ħallelin. L-istess Delia fl-artiklu tiegħu qal li t-*Times of Malta* kienet diġà rrappurtat dwar dan f'Novembru ta' qabel, u li l-Pulizija kienu qegħdin jistennew lill-Koħħu jidentifika lill-appellat bħala l-Ministru involut. L-appellant għamel riferiment wkoll għas-sit *lovinmalta.com* li fis-27 ta' Marzu, 2021 kiteb li l-Prim Ministru Robert Abela kellu dilemma, għaliex Vince Muscat il-Koħħu kien qiegħed jipponta subgħajh lejn Ministru sedenti bħala li kien involut f'biċċa xogħol kbira, u li kien mifhum li din kienet il-attentat ta' *hold-up* fuq il-bank HSBC. Is-sit irrapporta wkoll li Vince Muscat kien esprima tħassib għaliex il-maħfra presidenzjali mitluba minnu kienet ġiet injorata, u implika li dan

kien minħabba fl-involviment ta' Ministru li kien ser jiġi implikat minnu fil-*hold-up*. L-appellant għamel riferiment wkoll għal artiklu li deher fil-gazzetta *The Times of Malta* fis-16 ta' Marzu, 2021, fejn ġie rappurtat li Vince Muscat kien qiegħed jitkellem fil-Qorti dwar il-fatt li l-attentat ta' *hold-up* fuq l-HSBC kien hemm fih l-involviment ta' Ministru sedenti. Qal li dakinhar Muscat kien qiegħed jixhed bħala xhud tal-Istat għax kien ingħata l-proklama sabiex jixhed fil-proċeduri kriminali kontra l-aħwa Degiorgio. L-appellant għamel riferiment ukoll għal dak rappurtat fuq is-sit *newsbook* fis-16 ta' Marzu, 2021, meta sar il-kontro-eżami tal-Koħħu mill-appellant, fejn mir-rappurtaġġ ta' dak li kien qiegħed isir il-Qorti, jista' jingħad li l-Koħħu kien qed jgħid ċar u tond li Ministru preżenti kien kompliċi biex twettaq delitt li għalih kien qiegħed jirreferi l-Koħħu nnifsu. L-appellant għamel riferiment ukoll għal rappurtaġġ fil-gazzetta *Malta Independent* tal-4 ta' Novembru, 2020 fejn ġie rappurtat bi prominenza l-protest ġudizzjarju li kien għamel il-Koħħu rigward talba għall-Maħfra Presidenzjali li kien għamel aktar minn sena qabel, fejn il-Koħħu talab li Ministru sedenti li jista' jkun li għandu interess dirett f'din il-kwistjoni jitneħħa mill-proċess tad-deċiżjoni li kellu jieħu l-Kabinett dwar it-talba tiegħu għal maħfra presidenzjali. Qal li l-qarrej normali, dakinhar sar jaf li l-Koħħu kien qed jgħid formalment fi protest ġudizzjarju li kien hemm Ministru sedenti li ma setax jieħu sehem fid-diskussjoni tal-Kabinett tal-Ministri dwar it-talba tiegħu għall-proklama, għaliex kien involut fir-reat/i li l-Koħħu ried il-proklama fuqhom sabiex ikun jista' jixhed.

23. L-appellant qal li minn dawn il-kitbiet ilkoll ippubblikati qabel id-9 ta' April, 2021 u li kienu fid-dominju pubbliku, jidher ċar li huwa kellu l-informazzjoni li għaġnet il-*forma mentis* tiegħu sabiex fid-9 ta' April, 2021 kiteb opinjoni onesta u kumment ġust li bħala persuna ta' intelliġenza normali u ordinarja seta' jasal

għalih. Qal li l-Ewwel Qorti kkastigatu talli bħala persuna b'intelliġenza normali u ordinarja huwa wasal għall-unika konklużjoni li kellu jasal għaliha wara dawk il-kitbiet prominenti kollha bejn Lulju 2010 u Marzu 2021, u li lkoll ġew ippubblikati qabel id-9 ta' April, 2021. L-appellant qal ukoll li l-Ewwel Qorti injorat ukoll ir-regola bażika fil-liġi tal-evidenza, li meta n-naħa l-oħra ma tagħmilx kontro-eżami fuq element essenzjali tax-xhieda ta' xhud, dak ikun ifisser li dik il-parti tax-xhieda ma tkunx ġiet kontradetta, u hija ammessa bħala veritiera u mhux kontestata.

24. L-appellat laqa' għal dan billi qal li fl-apprezzament tagħha, l-Ewwel Qorti eżaminat il-provi u s-sottomissjonijiet kollha li saru quddiemha, u qieset li l-allegazzjonijiet li għamel l-appellant fid-9 ta' April, 2021 ma kinux ibbażati fuq fatti veri li kienu fid-dominju pubbliku, u li dawn lanqas ma jirriżultaw minn xi pubblikazzjoni privileġġata. Qal li l-Ewwel Qorti kienet korretta wkoll meta qieset li persuna onesta fiċ-ċirkostanzi u fuq il-fatti magħrufa, ma setgħet qatt tasal għall-opinjoni onesta li l-appellant jgħid li wasal għaliha. Qal li spekulazzjonijiet u repetizzjoni ta' allegazzjonijiet ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-paragrafi (i) u (ii) tal-artiklu 4(ċ) tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta.

25. Il-Qorti tibda billi tosserva li l-appellant qiegħed jibni dan l-aggravju tiegħu fuq il-fehma tiegħu li persuna onesta, fl-istess ċirkostanzi, kienet tasal għall-istess opinjoni li wasal għaliha hu. L-appellat għażel li jippubblika *post* fuq *Facebook* fejn stqarr bħala fatt li l-appellat kien kompliċi f'reati kriminali mill-aktar serji, mingħajr ma l-ewwel ivverifika jekk fil-fatt l-appellat qattx ġie investigat in konnessjoni ma' dak li l-appellant kien kiteb dwaru, u jekk ġie investigat, kienx hemm każ x'jinbeda kontra l-appellat jew le. L-imputazzjoni li jagħmel il-konvenut mhijiex ta' sempliċi suspett li l-attur seta' kien kompliċi fid-delitt tal-

*hold-up* skont dak li kienu qegħdin jallegaw tliet kriminali akkużati bl-imsemmi *hold-up*, għaliex meta wieġeb lill-attur li aħjar il-qabar ta' Kristu milli jkun kompliċi f'*hold-up*, il-konvenut kien kategoriku u uża ton ta' ċertezza assoluta meta stqarr bħala fatt li l-appellat kien kompliċi fid-delitt tal-*hold-up* billi pprovda l-mezzi u wettaq id-delitti deskritti fil-pubblikazzjoni impunjata. Barra minn hekk l-appellant lanqas seta' jgħid li kien jeżisti xi suspett li l-appellat kien kompliċi jew li kien qed jitqies bħala persuna ta' interess mill-Pulizija in konnessjoni mal-attentat ta' *hold-up*, għaliex dan assolutament ma kienx il-każ. Kif qalet l-Ewwel Qorti, l-appellat ma ssemma mkien fid-dikjarazzjonijiet privileġġjati ammissibbli in sostenn tad-difiża tal-opinjoni onesta, bħala l-Ministru sedenti kompliċi fid-delitt, jew li pprovda l-mezzi biex jgħin fil-kommissjoni tar-reat, u kif ingħad diġà, ma jirriżultax illi l-appellant qatt kien indagat, akkużat jew ikkundannat in konnessjoni mal-imsemmi delitt. L-appellant seta' jgħid biss li tliet kriminali akkużati bl-attentat ta' *hold-up,* fil-kuntest tat-talba li għamlu biex jingħataw maħfra presidenzjali, kienu qegħdin jallegaw li membru parlamentari u Ministru sedenti tal-Gvern, kienu involuti bħala kompliċi magħhom. Imma li kieku għamel hekk, l-appellant kien ikollu jnaqqas ħafna mit-ton melodrammatiku li uża fil-pubblikazzjoni impunjata. Apparti li l-appellant semma lill-appellat b'ismu u kunjomu, xi ħaġa li lanqas it-tliet kriminali in kwistjoni ma kienu għamlu qabel id-data rilevanti tad-9 ta' April, 2021, ippreżenta b'ton ta' ċertezza assoluta 'l-kompliċità tal-appellat' bħala fatt kompjut u akkadut. Il-Qorti tqis illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-ebda persuna ordinarja ma kienet tasal għall-istess opinjoni hekk imsejħa onesta li wasal għaliha l-appellant.

26. Il-Qorti filwaqt li tagħmel riferiment ukoll għal dak li diġà ngħad fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju tal-appellant, safejn

applikabbli, trid qajjem punt ieħor li jirriżulta li ġie għal kollox mwarrab mill-*'forma mentis'* tal-appellant meta ġie biex jifforma 'l-opinjoni onesta' tiegħu. Apparti li naqas milli jagħmilha ċara li l-bażi ta' dak li stqarr bħala fatt u mhux bħala opinjoni fil-pubblikazzjoni impunjata, kienu biss allegazzjonijiet li kienu qegħdin jingħadu fid-dinja tal-kriminalità organizzata, l-appellant ma ħassx li kellu jsemmi wkoll li l-bank multinazzjonali HSBC li miegħu kien jaħdem l-appellant fiż-żmien li seħħ l-attentat ta' *hold-up* fl-2010, mhux talli ma ħa ebda passi dixxiplinarji fil-konfront tal-appellat, imma dan baqa' javvanza fil-karriera tiegħu mal-bank anki permezz ta' promozzjonijiet. Il-fatt waħdu li l-appellat kien jaħdem bħala wieħed mill-*managers* fil-*head office* fejn sar l-attentat ta' *hold-up*, u kien wieħed minn numru ristrett ħafna ta' persuni li setgħu jipprovdu aċċess għall-*vault* tal-bank permezz ta' *key cards*, jista' ma jfisser xejn. Imma għaliex fid-dinja tal-kriminalità organizzata kienu qegħdin isiru allegazzjonijiet dwar l-appellat, fl-'opinjoni onesta' tal-appellant, dan waħdu kien jagħmel lill-appellat kompliċi fl-attentat ta' *hold-up*. Bank multinazzjonali bħalma huwa l-HSBC, attrezzat kif inhu bl-aħħar teknoloġija, u bl-ogħla livelli ta' sigurtà u superviżjoni, żgur ma kienx ser jonqos li jieħu l-passi dixxiplinarji opportuni mal-iċken sinjal ta' suspett li l-appellat naqas fil-kors tal-qadi tad-dmirijiet tiegħu. Imma fatt importanti bħal dan bl-ebda mod ma jissemma fil-pubblikazzjoni impunjata, meta dan il-fattur kellu jkun wieħed kruċjali sabiex l-appellant jifforma 'l-opinjoni onesta' tiegħu.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma ssib xejn ta' sustanza x'tiċċensura fil-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li kienet ferm dettaljata u mirquma, u għalhekk sejra tiċħad iż-żewġ aggravji tal-appellant, u sejra tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar dan l-appell, billi filwaqt li tiċħdu, tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**